anzjanità attiva

# POLITIKA STRATEĠIKA NAZZJONALI GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

# 2023 – 2030

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

# POLITIKA STRATEĠIKA NAZZJONALI GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

# 2023 – 2030

Novembru 2022

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

# WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| DAĦLA | | 4 |
| PREFAZJU | | 6 |
| L-ISFOND | | 8 |
| SOMMARJU EŻEKUTTIV | | 22 |
| **GĦAN 1** | | **26** |
| L-INKLUŻJONI SOĊJALI | | |
| Tema 1.1 | Is-solitudni u l-iżolament soċjali | 28 |
| Tema 1.2 | Sigurtà finanzjarja | 30 |
| Tema 1.3 | Impenn ċiviku | 32 |
| Tema 1.4 | Kura għall-konjuġi jew imsieħba, tfal u neputijiet | 34 |
| Tema 1.5 | Ċentri tal-Anzjanità Attiva | 36 |
| Tema 1.6 | It-tagħlim fit-tielet età | 38 |
| Tema 1.7 | It-tagħlim fir-raba' età | 40 |
| Tema 1.8 | It-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni | 42 |
| Tema 1.9 | It-Trasport | 44 |
| Tema 1.10 | Komunitajiet favur l-età | 46 |
| **GĦAN 2** | | **48** |
| L-ANZJANITÀ F'SAĦĦITHA | | |
| Tema 2.1 | Għajxien indipendenti | 50 |
| Tema 2.2 | Aċċess għas-servizzi tas-saħħa | 52 |
| Tema 2.3 | L-attività fiżika | 54 |
| Tema 2.4 | Is-sigurtà fiżika | 56 |
| Tema 2.5 | Il-benesseri mentali | 58 |
| Tema 2.6 | It-tranżizzjoni lejn l-irtirar | 60 |
| Tema 2.7 | Il-kura fil-komunità | 62 |
| Tema 2.8 | Il-kura fir-residenzi fit-tul | 64 |
| Tema 2.9 | In-nutrizzjoni għall-anzjanità f'saħħitha | 66 |
| Tema 2.10 | Il-kura fl-aħħar tal-ħajja | 68 |
| Tema 2.11 | Skrinjar tas-saħħa | 70 |

**GĦAN 3** **72**
L-INDIRIZZAR TAD-DIVERSITÀ U L-INUGWALJANZA
Tema 3.1 L-etaiżmu u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età 74
Tema 3.2 Il-Ġeneru 76
Tema 3.3 Anzjani leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri, intersesswali u queer 78
Tema 3.4 Id-djar u l-akkomodazzjoni 80
Tema 3.5 L-Etniċità 82
Tema 3.6 L-abbuż u t-trattament ħażin 84
Tema 3.7 L-aċċess għall-ġustizzja 86
Tema 3.8 L-anzjanità f'faċilitajiet korrettivi 88
Tema 3.9 L-anzjanità b'diżabilità 90
Tema 3.10 Il-kura għad-dimenzja 92

Sommarju tat-Tabella 94
Referenzi 114



# DAĦLA

**L-Onor. Dr Jo Etienne Abela** MD FRCS FEBS MPhil
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Il-Gżejjer Maltin qedin igawdu minn sistema robusta tal-kura tas-saħħa li permezz tagħha qed ngawdu saħħitna għal iktar żmien. Hu antiċipat li l-grupp ta' nies tal-età ta' 80 sena jew 'il fuq se jikber daqs tliet darbiet fit-tliet deċennji li ġejjin. Din iż-żieda żgur ser ikollha implikazzjonijiet b'saħħithom mifruxin fuq l-isferi kollha tal-politika pubblika Maltija, speċjalment fuq servizzi tal-kura akuta u fit-tul, u ser toħloq sfidi li huma mhux biss kumplessi iżda wkoll magħqudin b'mod profond ma' diversi oqsma ta' normi u valuri kulturali.

Fis-snin reċenti kienu ppjanati u implimentati madwar Malta diversi sforzi biex l-anzjanità tkun integrata. Politiki nazzjonali dwar l-anzjanità attiva u b'saħħitha, kif ukoll il-kura tad-dimenzja, kienu tentattivi eċċezzjonali sabiex jagħtu s-setgħa lill-anzjani biex jikkontribwixxu iktar lill-familji u lill-komunitajiet soċjali tagħhom, u lill-ekonomija Maltija fl-ispirtu li tinkiseb 'soċjetà għall-etajiet kollha'. Madankollu, approċċ olistiku għall-integrazzjoni tal-anzjanità jibqa' diffiċli. Dan kien partikolarment evidenti waqt il-pandemija tal-COVID-19 li enfasizzat il-bżonn li l-politika dwar l-anzjanità tkun indirizzata minn perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem li tħares il-benesseri fiżiku, emozzjonali u soċjali tal-anzjani. Hekk kif il-bżonnijiet tal-anzjani, u l-isfidi li jesperjenzaw jinħassu f'diversi oqsma, tibqa' l-importanza kontinwa li niżguraw li l-anzjani jilħqu l-potenzjal u l-età tagħhom b'dinjità.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva: Malta 2023 - 2030* hi proprju pass f'din id-direzzjoni u tirrappreżenta mument ta' kambjament fil-politika pubblika Maltija. Filwaqt li l-għan hu sabiex l-anzjanità tkun integrata permezz tal-evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-anzjani fil-leġiżlazzjoni, fil-politika jew fil-programmi pubbliċi, l-għan aħħari hu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani permezz tal-mitigazzjoni kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, l-abbuż tal-anzjani, l-esklużjoni soċjali, u s-solitudni, kif ukoll li taġixxi bħala katalizzatur għal livelli eċċellenti ta' kura akuta, komunitarja u fit-tul. Fl-istess ħin, tħaddan il-kurva tat-tagħlim esperjenzata waqt il-pandemija tal-COVID-19 billi tinnota kif l-iskop, l-appartenenza, u l-valur huma mhedda f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u s-sinifikat tal-kompetenza diġitali għaċ-ċittadinanza attiva.

Ir-rakkomandazzjonijiet fil-*Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva: Malta 2023 - 2030* huma kemm innovattivi kif ukoll pijuniera. Huma bbażati fuq proċess twin-track li jindirizza l-isfidi tal-popolazzjoni anzjana mill-perpettivi kemm tas-soċjetà kif ukoll ta' tul il-ħajja kollha. Popolazzjoni anzjana hija mistennija li taffettwa s-swieq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, l-akkomodazzjoni, id-divertiment, it-trasport, it-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll ir-rabtiet tal-familja u interġenerazzjonali - wieħed ukoll irid jibqa' jagħti każ tal-bżonnijiet uniċi u personali tal-anzjani differenti.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva: Malta 2023 - 2030* tħares ukoll id-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-kontributi tal-anzjani, filwaqt li tenfasizza l-karattru eteroġenju tal-anzjanità billi tinkludi l-anzjanità attiva fil-lingwaġġ tad-diversità, tal-inugwaljanza u tal-ġustizzja soċjali. L-appell ta' din il-politika hu li tgħaqqad l-aspetti umanitarji tal-anzjanità mal-kwistjonijiet ta' żvilupp sabiex tiżgura s-saħħa u d-dinjità tan-nies waqt li jikbru fl-età.

Ninsab ħerqan biex nara l-impatt tal-politika fuq ir-riżoluzzjoni b'suċċess ta' dawk il-lakuni normattivi li jaffettwaw id-dinjità u l-awtonomija tal-anzjani, hekk kif il-*Politika Strateġika Nazzjonali* sservi bħala strument ieħor pubbliku li jsostni u jippromwovi d-drittijiet tal-anzjani.



# PREFAZJU

**Professur Marvin Formosa** BPsy PGCE MA PhD FGSA CPG
President Kummissjoni Nazzjonali
għall-Anzjanità Attiva

L-anzjanità tal-popolazzjoni ta' spiss titqies bħala prijorità fl-aġendi nazzjonali u internazzjonali. Malta ċertament mhix eċċezzjoni għax għandha reputazzjoni li hi wieħed mill-ewwel pajjiżi li inkludiet Ministeru responsabbli biss għall-anzjanità attiva li qed jagħmel impatt sabiex jgħin lill-anzjani Maltin biex jesperjenzaw stili ta' ħajja pożittivi, ta' suċċess u produttivi. Biżżejjed ngħidu li bħalissa l-anzjani Maltin għandhom ir-rekord tal-itwal tul ta' ħajja li għaddew f'saħħa tajba fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea u daqs dak Żvediż. Barra minn hekk, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar ikkonkludew li Malta hu l-pajjiż li qed jesperjenza l-iktar titjib fl-Indiċi tal-Anzjanità Attiva.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva: Malta 2023 - 2030* tirrappreżenta evidenza ċara li l-Ministeru għall-Anzjanità Attiva mhux biss hu dispost li jibni fuq il-legat passat ta' Malta fil-benesseri tal-anzjani, iżda li hu ħerqan ukoll li jimbotta l-politika lokali dwar l-anzjanità attiva f'territorji ġodda sabiex Malta tkompli tkun rikonoxxuta bħala wieħed mill-*aħjar postijiet* fid-dinja biex *tixjieħ. Din il-Politika Strateġika Nazzjonali li tħares 'il quddiem hi globalment unika f'ħames modi ewlenin.* L-ewwel nett, tħaddan dawk l-attivitajiet kollha li jikkontribwixxu għall-benesseri fiżiku u mentali tal-anzjani kemm dawk li huma b'saħħithom kif ukoll dawk li huma vulnerabbli. Dan hu neċessarju sabiex jingħelbu l-isterjotipi komuni ta' pensjonanti li huma b'saħħithom u enerġetiċi bħala l-qofol tal-anzjanità attiva.

It-tieni, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* tadotta perspettiva ta' tul il-ħajja kollha li tirrikonoxxi li l-isfidi korporali, psikoloġiċi u soċjali iktar tard fil-ħajja huma invarjabbilment ir-riżultat ta' status soċjali u ekonomiku fil-ħajja bikrija u esponiment għal fatturi ta' riskju. It-tielet, tadotta approċċ ta' diversità u tikkunsidra l-inugwaljanza u d-diversità kulturali. Pereżempju, hi sensittiva għad-differenzi fl-applikazzjoni tal-anzjanità attiva f'termini ta' ġeneru, diżabilità, etniċità, sesswalità u kura tad-dimenzja. Ir-raba', il-*Politika Strateġika Nazzjonali* għandha aġenda ta' empowerment li tfittex biex tinkludi l-anzjani fi djalogu dwar l-anzjanità u fatturi ta' riskju li huma possibbli dwar il-fraġilità. L-aħħar iżda mhux l-inqas, ġiet innutata wkoll il-pandemija tal-COVID-19, u l-*Politika Strateġika Nazzjonali* tinkludi rakkomandazzjonijiet li jiżguraw livelli ta' kwalità tal-benesseri għall-anzjani f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva: Malta 2023 - 2030* ċertament tgħaqqad ideat mainstream fl-anzjanità attiva ma' diskors usa' u komprensiv dwar ir-responsabbiltà soċjali sabiex tqiegħed lil Malta f'pożizzjoni minn tal-ewwel biex tilħaq l-għanijiet tal-politika internazzjonali rakkomandati min-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, u l-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex nagħlaq dan il-prefazju, nixtieq nieħu l-opportunità biex nesprimi l-apprezzament minn qalbi lil dawk il-partijiet interessati u anzjani li pparteċipaw fil-proċess ta' konsultazzjoni pubblika biex jagħtu l-opinjonijiet u l-għarfien tagħhom personali u professjonali. Tali kontributi kienu ewlenin biex jiżguraw li l-*Politika Strateġika Nazzjonali* tkun mekkaniżmu validu li jistinka biex itejjeb il-benesseri tal-anzjani f'Malta. Ninsabu grati ħafna lejn il-membri passati u preżenti tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva, id-diriġenti tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u l-Faċilità ta' San Vinċenz de Paul għall-Kura fit-Tul, il-Kummissarji għall-Persuni Anzjani u għas-Saħħa Mentali, u speċjalment, l-uffiċċji tas-Segretarju Permanenti u tal-Iżvilupp tal-Politika u d-Direttorat tal-Iżvilupp tal-Politika u tal-Implimentazzjoni tal-Programmi fi ħdan il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva, li kollha kienu strumentali fil-kors tat-tfassil u l-finalizzazzjoni tal-*Politika Strateġika Nazzjonali*.

# L-ISFOND

**Ix-xejriet demografiċi**

L-arċipelagu ta' Malta hu Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE). Jikkonsisti minn tliet gżejjer - Kemmuna, Għawdex u Malta - fil-qalba tal-Baħar Mediterran, 93 kilometru 'l isfel minn Sqallija u 290 kilometru 'l fuq mil-Libja. Kemmuna mhux abitata, u peress li Għawdex għandu popolazzjoni ta' 34,430 persuna, Malta tibqa' l-gżira ewlenija ta' dan l-istat arċipelagu, b'480,134 resident (figuri tal-2019) (Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2021a).

Ix-xenarju demografiku Malti kien tradizzjonalment karatterizzat minn popolazzjoni żagħżugħa iżda dan inbidel ħesrem fl-aħħar kwart tas-seklu 20 (Formosa, 2019). Il-popolazzjoni kienet tammonta għal 345,418-il persuna fl-1985 (żieda ta' 31,202 persuni miċ-ċensiment ta' qabel fl-1967), laħqet it-378,132 persuna fl-1995, u żdiedet għal 417,432 persuna fl-aħħar ċensiment ta' Malta fl-2011 (Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2014). Fl-2011, l-età medja kienet ta' 40.5 sena; din telgħet minn 38.5 sena fl-2005. Tali varjazzjonijiet kienu speċjalment riżultat ta' rata tat-twelid dejjem nieżla flimkien ma' żieda fl-istennija tal-għomor kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.

Minn banda, filwaqt li r-rata mhux aġġustata tat-twelid kienet relattivament stabbli matul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, b'madwar 38 wild kull sena għal kull 1,000, minn dak iż-żmien naqset sew, u waslet għal 9 ulied għal kull 1,000 ta' popolazzjoni fl-2019 (Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2020). Mill-banda l-oħra, l-istennija tal-għomor f'Malta żdiedet minn 43 u 46 sena għall-irġiel u għan-nisa rispettivament fl-erbgħinijiet għal 81.2 u 84.6 sena fl-2019 (Formosa, 2015; Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2020). L-istennija tal-għomor fl-età ta' 65 sena f'Malta hi r-raba' l-iktar għolja fl-Unjoni Ewropea (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u l-Osservatorju Ewropew għas-Sistemi u għall-Politiki tas-Saħħa, 2019). Fl-2016, il-Maltin li kellhom 65 sena setgħu jistennew li jgħixu 20.7 sena oħra, erba' snin iktar milli fl-2000. Żewġ terzi minn dan iż-żmien ikun ħieles minn mard kroniku u diżabilitajiet, li hu ferm ogħla mill-medja fl-UE.

Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-popolazzjoni Maltija kellha 516,100 persuna (Tabella 1) (Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2021b). Il-perċentwali ta' dawk 'il fuq mis-60 sena, dawk 'il fuq mill-65 sena u dawk 'il fuq mit-80 sena kienu 24.9%, 18.9% u 4.3% rispettivament. Dan ifisser li matul il-perjodu 1985 - 2020, il-grupp ta' dawk 'il fuq mill-65 sena żdied minn 9.9% għal 18.9% tal-popolazzjoni totali. L-ikbar ammont hu magħmul minn nisa biex b'hekk il-proporzjon irġiel-nisa għall-gruppi tal-etajiet 'il fuq mill-65 sena u 'l fuq mit-80 sena waslu għal 84.8 u 62.6 rispettivament, meta għall-popolazzjoni totali l-proporzjon irġiel-nisa hu ta' 107.1.

**Tabella 1**

## Popolazzjoni totali skont l-età (31 ta' Diċembru)

| Età | Irġiel | Nisa | Total | % | Proporzjon Irġiel-Nisa |
|---|---|---|---|---|---|
| Etajiet kollha | 266,939 | 249,161 | 516,100 | 100.00 | 107.1 |
| 0-19 | 46,949 | 43,769 | 90,718 | 17.6 | 107.2 |
| 20-60 | 159,547 | 137,057 | 296,604 | 57.3 | 116.4 |
| 60+ | 60,443 | 68,335 | 128,778 | 24.9 | 88.4 |
| 65+ | 44,729 | 52,689 | 97,418 | 18.9 | 84.8 |
| 80+ | 8,544 | 13,639 | 22,183 | 4.3 | 62.6 |
| 60-69 | 29,675 | 29,885 | 59,560 | 11.5 | 99.2 |
| 70-79 | 22,224 | 24,811 | 47,035 | 9.1 | 74.3 |
| 80-89 | 7,560 | 11,416 | 18,976 | 3.6 | 66.2 |
| 90+ | 984 | 2,223 | 3,207 | 0.6 | 44.2 |

*Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, (2021b)*

Projezzjonijiet demografiċi jindikaw li Malta ser tkun wieħed mill-pajjiżi li ser jesperjenza anzjanità l-iktar mgħaġġla fl-Unjoni Ewropea hekk kif l-istennija tal-għomor mat-twelid hija projettata li tiżdied għal 85.1 u 89.1 sena għall-irġiel u nisa rispettivament sas-sena 2060 (Kummissjoni Ewropea 2015). Bħala riżultat, wieħed jantiċipa diversi tibdiliet mifruxa fil-piramidi tal-popolazzjoni tal-Gżejjer Maltin fl-erbgħin sena li jmiss (Figura 1).

**Figura 1**

## Il-piramidi tal-popolazzjoni ta' Malta preżenti u projettati




*Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, (2013)*

Minn banda, filwaqt li l-perċentwal tat-tfal (0-14) tal-popolazzjoni totali huwa projettat biex jikber biss ftit minn 14.5% għal 15.4% (+0.9%), il-popolazzjoni tal-età tax-xogħol (15-64) ser tesperjenza tnaqqis drammatiku, minn 68 għal 56.1 (-11.9%). Mill-banda l-oħra, is-segmenti tal-popolazzjoni anzjana ser jikbru b'mod straordinarju. Il-popolazzjoni ta' dawk 'il fuq mill-65 sena / dawk 'il fuq mit-80 sena ser tilħaq it-28.5%/l-10.5% tal-popolazzjoni totali fl-2060, minn 17.5%/3.8% fl-2013 (+11.0/6.7%). Fir-rigward tal-perċentwal tal-popolazzjoni ta' dawk 'il fuq mit-80 sena tal-grupp ta' dawk 'il fuq mill-65 sena, il-Kummissjoni Ewropea (2015) ipprevediet li dan il-grupp ser jilħaq madwar 36.7% (+15.1%).

Il-perjodu 2013-2060 ser jara l-proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata f'Malta jikber minn 26 għal 51 punt perċentwali, punt perċentwali wieħed ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li Malta tersaq minn sitwazzjoni fejn hemm erba' persuni ta' età tax-xogħol għal kull persuna ta' eta' 'l fuq mill-65 għal proporzjon ta' tnejn għal kull wieħed. Il-proporzjon tad-dipendenza 'totali' ta' Malta (nies ta' età inqas mill-14 u ta' età 'l fuq mill-65, bħala perċentwal tal-popolazzjoni ta' età 15-64) hu wkoll projettat li jiżdied, minn 47 għal 78 punt perċentwali, għal darb'oħra punt perċentwali iktar mill-medja tal-Unjoni Ewropea.

**Tabella 2**

## Proporzjonijiet tad-dipendenza (2020-2060)

| | 2013 | 2020 | 2030 | 2040 | 2050 | 2060 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata (65+/15-64)** | | | | | | |
| Malta | 26 | 33 | 41 | 41 | 45 | 51 |
| Unjoni Ewropea | 28 | 32 | 39 | 46 | 50 | 50 |
| **Proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata (0-14 & 65+/15-64)** | | | | | | |
| Malta | 47 | 56 | 66 | 65 | 70 | 78 |
| Unjoni Ewropea | 51 | 56 | 64 | 71 | 76 | 77 |

*Sors: Kummissjoni Ewropea, (2015)*

Tali xejriet ċertament iwasslu għal kwistjonijiet tal-politika dwar l-anzjanità li għandhom bżonn ikunu indirizzati b'mod urġenti. Dan l-għan hu l-isforz ewlieni tat-tieni *Politika Strateġika Nazzjonali inerenti għall-Anzjanità Attiva*.

### Il-politika dwar l-anzjanità attiva f'Malta

Malta ilha minn ta' quddiem fil-politika dwar l-anzjanità u l-iżvilupp tal-anzjanità b'saħħitha (Formosa, 2015, 2018; Formosa & Scerri, 2015). Fl-1968, il-Gvern Malti kien l-ewwel biex jippreżenta mozzjoni uffiċjali lit-23 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li ħeġġet lill-istati membri sabiex jikkunsidraw il-fenomenu tal-anzjanità bħala kwistjoni ta' tħassib internazzjonali. Barra minn hekk, mis-sebgħinijiet bikrin 'il quddiem, il-politika tal-anzjanitá kienet b'mod konsistenti prijoritá ewlenija għall-Gvern Malti, sabiex Malta kienet minn tal-ewwel pajjiżi bi gvern li inkluda Ministeru 'Junior' għall-Kura tal-Anzjani (1987) u Ministeru totalment responsabbli għall-anzjani u għall-anzjanità attiva f'Novembru 2020.

Tali deċiżjonijiet politiċi għenu ħafna sabiex intejbu l-kwalità tal-ħajja u tal-benesseri tal-anzjani. Biżżejjed ngħidu li bħalissa l-anzjani Maltin għandhom ir-rekord tal-itwal tul ta' ħajja f'saħħa tajba fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u Unjoni Ewropea, 2018), u li l-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kummissjoni Ewropea (2019, p. 12) ikkonkludew li "Malta hi l-pajjiż li qed jesperjenza l-ikbar żieda bejn l-2010 u l-2018, bi tkabbir ta' 7.1 punti".

Għalkemm tali progressjonijiet u avvanzi fil-politika pubblika dwar l-anzjanità kellhom suċċess minħabba diversi strateġiji nazzjonali intersezzjonali dwar kwistjonijiet ta' benesseri, it-tnedija tal-ewwel *Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva* f'Malta fl-2013 ċertament tispikka (Formosa, 2017). F'konformità mal-viżjoni tal-gvern biex "inżidu l-ħajja lis-snin" għall-anzjani kollha ta' bħalissa u dawk li għadhom ser isiru anzjani, it-terminu "anzjanità attiva" tqies li qed jirreferi għall-għajnuna biex il-popolazzjoni li qed tespandi tibqa' b'saħħitha (b'hekk tnaqqas il-piż mis-sistemi tal-kura tas-saħħa u soċjali), tibqa' fl-impjieg għal iktar żmien (b'hekk tnaqqas l-ispejjez itwal tal-pensjoni), filwaqt li tipparteċipa wkoll fil-proċessi tal-komunità u politiċi (Walker & Foster, 2013, p. 33). Filwaqt li jagħrfu li l-aspirazzjonijiet individwali waħedhom mhumiex biżżejjed

biex isostnu stili ta' ħajja parteċipattivi, ir-rakkomandazzjonijiet fl-ewwel *Politika Strateġika Nazzjonali* ppruvaw jgħinu lill-anzjani biex jegħlbu barrieri u diffikultajiet strutturali li jistgħu jkunu riżultat ta' esperjenzi mhux mixtieqa ta' esklużjoni materjali u soċjali. Barra minn hekk, aċċettat li t-trasformazzjoni tal-perċezzjoni tas-soċjetà dwar l-anzjanità minn waħda ta' dipendenza għal anzjanità attiva tirrikjedi bidla fil-paradigma li tiffaċilita l-indipendenza u d-dinjità fl-anzjanità. Dan il-qafas tal-politika ma kkuntentax ruħu sempliċiment billi jsib soluzzjonijiet teknokratiċi iżda kompla jfittex li jikkontribwixxi għal soċjetà iktar ġusta, waħda bbażata fuq il-prinċipji tal-ġustizzja soċjali. Tabilħaqq, l-ewwel *Politika Strateġika Nazzjonali* kienet imfassla fuq tliet valuri ewlenin: 'soċjetà għal kull età', 'ugwaljanza interġenerazzjonali', u finalment, 'empowerment'.

B'total ta' 75 rakkomandazzjoni politika, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* 2014 - 2020 kienet imfassla fuq tliet temi - jiġifieri, il-parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol, il-parteċipazzjoni soċjali, u l-għajxien indipendenti.

*Il-parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol*. Billi nżommu f'moħħna l-mod kif joperaw is-soċjetajiet moderni dan l-aħħar, il-politika rrikjediet li politiki ekonomiċi kontemporanji jikkontribwixxu lejn livelli promettenti ta' ħaddiema anzjani, filwaqt li jgħinu lill-persuni li għandhom età 'l fuq minn dik tal-irtirar li jixtiequ jkomplu jaħdmu biex jilħqu dan il-għan. Dawn l-għanijiet huma neċessarji sabiex l-ekonomiji soċjetali jimmitigaw kontra l-livelli li qed jitbaxxew tal-popolazzjonijiet tal-età tax-xogħol u l-impatt li dan għandu fuq il-proporzjonijiet tad-dipendenza u n-nuqqasijiet tal-ħiliet, jiffaċilitaw it-tnaqqis tal-faqar futur potenzjali fost l-anzjani permezz ta' ħruġ kmieni mill-forza tax-xogħol, u l-appoġġ għall-potenzjal tal-ħaddiema anzjani biex ikollhom parti importanti fit-tkabbir eknomiku futur. F'dan ir-rigward, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* offriet ir-rakkomandazzjonijiet tal-politika li ġejjin biex isaħħu l-livelli ta' ħaddiema anzjani u li qed jixjieħu f'Malta: il-kontinwazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-anzjani; it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għal saħħa tajba, tekniki għall-ġestjoni tal-età, u servizzi ta' impjieg għal ħaddiema anzjani; li tittieħed pożizzjoni kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età; l-implimentazzjoni ta' sistema ta' taxxa/benefiċċji; l-inkoraġġiment ta' skemi ta' mentoring f'organizzazzjonijiet tax-xogħol; u t-tisħiħ tax-xogħol ta' rikonċiljazzjoni u tal-kura informali.

*Il-parteċipazzjoni soċjali*. Flimkien mal-politiki tax-xogħol, l-idea ta' 'parteċipazzjoni soċjali' tibqa' dejjem titla' fl-ewwel politika dwar l-anzjanità attiva. Hu magħruf sew li aspirazzjonijiet individwali biss mhumiex biżżejjed biex isostnu stili ta' ħajja parteċipattivi. Id-determinazzjoni tal-anzjani għal livelli ottimi ta' ingaġġ soċjali dejjem ser tiffaċċja firxa ta' barrieri strutturali, diffikultajiet li jistgħu jirriżultaw f'esperjenzi mhux mixtieqa ta' esklużjoni

materjali u soċjali. F'dan ir-rispett, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* offriet ir-rakkomandazzjonijiet politiċi li ġejjin biex isaħħu l-livelli ta' parteċipazzjoni soċjali fl-anzjanità f'Malta: l-iżgurar ta' dħul adegwat u sostenibbli għall-anzjani kollha; il-provvista ta' riżorsi finanzjarji u soċjali adegwati sabiex l-anzjani jgħixu fid-dinjità u jipparteċipaw fis-soċjetà, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali biex jinvolvu l-anzjani bħala voluntiera; l-appoġġ tal-Kunsilli Lokali sabiex ikollhom rwol ewlieni fil-provvista u l-koordinazzjoni tal-inizjattivi ta' tagħlim tul il-ħajja fil-komunità tagħhom; ukoll permezz ta' sħubija mas-settur privat u volontarju; u t-tnedija ta' programm ta' inklużjoni diġitali li jiżgura li l-anzjani jkollhom il-kapaċità li jużaw il-kompjuters u l-internet.

*L-għajxien indipendenti.* Wara l-viżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2012) dwar il-futur tal-anzjanità attiva u s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* enfasizzat li s-soċjetà m'għandhiex tikkuntenta ruħha biss bi stennija ta' għomor li żdiedet ħafna iżda għandha wkoll taħdem biex testendi s-snin ta' ħajja b'saħħithom. It-tisħiħ ta' miżuri tal-promozzjoni, kura u protezzjoni tas-saħħa, kif ukoll il-prevenzjoni tal-mard u l-korriment f'kull età jgħin lill-anzjani sabiex inaqqsu l-probabbiltà tagħhom li jimirdu jew isiru diżabbli, filwaqt li jgħinhom jiżguraw funzjonament fiżiku u mentali li jrawwem ħajja indipendenti.

Dan imbagħad jinvolvi l-opportunità għal għajxien f'akkomodazzjoni tajba għal dik l-età u aċċessibbli u komunitajiet lokali li huma sensittivi għall-bżonnijiet u s-servizzi li jirrikjedu l-anzjani, u li jipprovdu trasport aċċessibbli li jiffaċilita l-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' għajxien indipendenti. Tabilħaqq, l-anzjanità attiva mhix kunfliġġenti mar-realtà tal-piż mediku li qed jiżdied mal-anzjanità. Minflok, tirrikjedi żieda fl-awtonomija u l-parteċipazzjoni tal-individwi sa fejn hu l-iktar possibbli, kemm jekk qed jgħixu fil-komunità kif ukoll fid-djar tal-kura. Dan jiżgura li d-dinjità tagħhom tiġi ppreservata u mħarsa mill-abbuż kontra l-anzjani.

Jekk inħarsu lura lejn il-passat ta' Malta fil-politika pubblika, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li minkejja li Malta hi mikrostat, fir-rigward tal-politika dwar l-anzjanità, sejra tajjeb ħafna (Formosa & Scerri, 2020). Mill-bidu, Malta marret lil hinn minn xejriet internazzjonali fil-benesseri tal-anzjanità, billi ħasbet fil-kwistjonijiet 'umanitarji' tal-anzjanità, u b'hekk żgurat li l-anzjani jesperjenzaw livelli mtejba ta' kwalità ta' ħajja u benesseri. Interess fil-tul u kontinwu tal-politika pubblika dwar l-anzjanità f'Malta dejjem daru madwar il-mitigazzjoni tal-esklużjoni soċjali, l-awment tal-parteċipazzjoni soċjali, u l-ħidma sabiex l-anzjanità tiġi integrata fl-affarijiet tal-familja, akkomodazzjoni, impjieg, saħħa, diżabilità, trasport, sigurtà tad-dħul, edukazzjoni professjonali, u tagħlim għall-adulti.

Barra minn hekk, minflok tħares biss lejn il-kura fit-tul, il-politika Maltija ppromwoviet il-provvista ta' servizzi fid-dar u l-għotja tal-kura mill-familja billi saħħet l-appoġġ lill-familji għal popolazzjoni anzjana li qed tikber sabiex tiżgura li d-dħul f'faċilitajiet tal-kura fit-tul hi ttardjata kemm jista' jkun jew esperjenzata biss meta kwistjonijiet tas-saħħa verament jirrikjedu d-dħul f'tali faċilitajiet. Fl-aħħar, billi nadottaw mudell ta' parteċipazzjoni tal-utent, is-servizzi soċjali għall-anzjani f'Malta mhux biss jippromwovu l-inklużjoni fis-soċjetà, iżda wkoll huma perċepiti u ppjanati bħala networks li fihom l-anzjani nnifishom, il-familji tagħhom, il-komunità, u l-pubbliku ġenerali qed jinteraġixxu kontinwament b'mod simbjotiku.

### Ħarsa 'l quddiem: Ethos, implimentazzjoni u twettiq

Għalkemm għadda ħafna żmien mit-tnedija tal-ewwel Politika Strateġika Nazzjonali dwar l-Anzjanità għal Malta, il-kunċett tal-anzjanità attiva jibqa' fuq quddiem tal-oqfsa tal-politika internazzjonali u nazzjonali. Madankollu, dan mhux l-istess bħal meta wieħed jgħid li d-definizzjoni oriġinali mogħtija mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2002, p. 3) - bħala "l-proċess tal-ottimizzazzjoni tal-opportunitajiet għas-saħħa, għall-parteċipazzjoni u għas-sigurtà sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja meta n-nies jixjieħu" - ma kinitx ikkontestata. Diżapprovazzjonijiet ewlenin varjaw mit-tqegħid ta' wisq enfasi fuq is-saħħa sa li ma kinitx orjentata biżżejjed fuq il-politika sa li d-diversità tal-anzjanità bħall-ġeneru, id-diżabilità, is-sesswalità, l-etniċità u r-raba' età, ma kinux ikkunsidrati biżżejjed.

Issa hemm dinamiċi ġodda li huma sottostanti l-iskop tal-anzjanità attiva, sal-punt li ġiet issuġġerita tifsira alternattiva għall-anzjanità attiva orjentata lejn il-politika:

> L-anzjanità attiva għandha tkun strateġija komprensiva li timmassimizza l-parteċipazzjoni u l-benesseri hekk kif in-nies jixjieħu. Għandha topera b'mod simultanju fuq il-livell individwali (stil ta' ħajja), organizzattiv (ġestjoni) u soċjetali (politika) u f'kull stadju ta' tul il-ħajja kollha.
>
> ***Walker**, 2009, p. 90*

Żewġ komponenti kritiċi ta' dan l-approċċ rinnovat għall-anzjanità attiva jinkludu ċ-ċentralità ta' tul il-ħajja kollha u s-sensittività lejn id-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani. Minn banda waħda, it-tul tal-ħajja kollha nstab li hu ewlieni biex ikun hemm fehim tal-kawżi u tal-konsegwenzi umani tal-anzjanità għax l-ebda interazzjoni bijoloġika jew ambjentali ma ssir esklussivament fl-anzjanità mingħajr interkonnessjonijiet minn qabel.

Hemm ħafna evidenza xjentifika dwar l-assoċjazzjonijiet bejn il-fatturi soċjali u ambjentali fil-bidu u fin-nofs tal-ħajja u t-telfien tal-kapaċità funzjonali iktar tard fil-ħajja f'analiżi nazzjonali u internazzjonali ta' settijiet tad-*data* lonġitudinali bħall-*Istħarriġ dwar is-Saħħa, l-Anzjanità u l-Irtirar fl-Ewropa* li Malta ilha tipparteċipa fih mill-2015. Tabilħaqq, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* 2023-2030 tiffavorixxi l-integrazzjoni tul il-ħajja kollha f'approċċ lonġitudinali:

*Saħħa tal-fetu:* nutrizzjoni, kura ta' qabel it-twelid, prevenzjoni tal-użu ħażin tas-sustanzi, għotjiet/leave tal-maternità, leave tal-paternità.

*Snin bikrin:* prevenzjoni tal-faqar, edukazzjoni universali f''nursery', attivitajiet 'sure start' f'żoni mċaħħda, il-provvista ta' edukazzjoni f''nursery' dwar l-anzjanità u s-saħħa.

*Tfulija u adolexxenza:* il-massimizzazzjoni taċ-ċansijiet tal-ħajja għall-ħafna, il-preparazzjoni għat-tagħlim matul il-ħajja, il-fehim tal-anzjanità u tal-etaiżmu, l-edukazzjoni dwar dieti tajbin għas-saħħa u benesseri.

*Nofs il-ħajja:* edukazzjoni/tagħlim kontinwi, tekniki għall-ġestjoni tal-età biex jitnaqqsu l-aspetti li jistgħu jagħmlu l-ħsara lis-saħħa u l-benesseri, l-ingaġġ attiv fil-ħajja komunitarja, il-gwida u l-appoġġ dwar il-konsum tajjeb għas-saħħa, irtirar flessibbli.

Ħajja anzjana: appoġġ biex tinżamm is-saħħa/l-awtonomija, ingaġġ f'attivitajiet ġodda, tagħlim kontinwu, it-teħid ta' opportunitajiet għall-involviment fil-komunità, reżistenza kontra n-narrattiva tat-tnaqqis u tad-dipendenza, pereżempju bl-użu tat-teknoloġija, kura primarja mmirata biex tipprevjeni kundizzjonijiet kroniċi...

***Walker** 2018, p. 265-266*

Mill-banda l-oħra, hemm rikonoxximent dejjem jikber li l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem jista' jaħdem bħala katalizzatur għall-iżgurar tal-wegħdiet tal-anzjanità attiva. Tali approċċ ikun ispirat mill-*Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi* (Nazzjonijiet Uniti, 1966a) u mill-*Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali* (Nazzjonijet Uniti, 1966b) biex ikun strutturat fuq tliet livelli interrelatati - jiġifieri, prinċipji ta' qafas (parteċipazzjoni, rispett għar-rieda u preferenzi, nondiskriminazzjoni, u aċċess għall-ġustizzja), drittijiet u responsabbiltajiet speċifiċi (drittijiet tal-bniedem speċifiċi, responsabbiltajiet tripartitiċi: rispett, protezzjoni u twettiq, karatteristiċi: universali, inaljenabbli, indiviżibbli u interdipendenti), u valuri ewlenin (dinjità, awtonomija, libertà, u ugwaljanza) (Lewis, Purser & Mackie, 2020).

Għaldaqstant, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* ssegwi mill-viċin l-iżviluppi sinifikanti magħmula fil-laqgħat annwali tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar it-Tixjiħ (OEWGA) li ngħata l-kompitu min-Nazzjonijiet Uniti (2013) biex jidentifika t-triq 'il quddiem lejn adozzjoni possibbli ta' trattat iddedikat għad-drittijiet tal-anzjani. F'dan ir-rigward, ir-rakkomandazzjonijiet ta' din il-politika kienu ispirati ħafna mid-diskussjonijiet annwali fil-laqgħat tal-OEWGA u jinkludu l-enfasi fuq l-etaiżmu u n-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u l-ħelsien mill-vjolenza, l-abbuż fuq l-anzjani u n-negliġenza, l-awtonomija u l-indipendenza, it-trasport, il-kura fit-tul u l-kura palljattiva, il-protezzjoni soċjali u s-sigurtà soċjali, it-tagħlim edukattiv u tul il-ħajja, l-aċċess għall-ġustizzja, u l-pandemija tal-emerġenza tas-saħħa tal-COVID-19.

Diversi oqfsa politiċi internazzjonali ispiraw il-formulazzjoni tal-*Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva: Malta 2023-2030*. Dawn varjaw mill-Prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti għal Persuni Akbar fl-Età (1991), il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjiħ tan-Nazzjonijiet Uniti (2019), l-Indiċi tal-Anzjanità Attiva tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa u tal-Kummissjoni Ewropea (2019), u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (2017). Barra minn hekk, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* wkoll ibbenefitat immens mis-seminar pubbliku (li inkluda workshops) f'Ottubru 2020, li rriżulta f'ħafna feedback kostruttiv u reazzjonijiet minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, professjonisti soċjali u tal-kura tas-saħħa, u anzjani u dawk li jieħdu ħsiebhom. Kull kontribut kien indirizzat u diskuss, u xi opinjonijiet u kontributi kellhom biżżejjed valur biex jimmodifikaw l-ewwel abbozz tal-*Politika Strateġika Nazzjonali*.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali* tinkludi tliet sezzjonijiet ewlenin, l-inklużjoni soċjali, l-anzjanità attiva u l-indirizzar tad-diversità u l-inugwaljanza. Il-proċess ta' implimentazzjoni tal-*Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva* għandu jibda fl-2023 u jkompli sal-2030. Hu ċar li minħabba n-natura multidixxiplinarja tal-anzjanità attiva, hemm bżonn ta' investiment sostanzjali fir-riżorsi umani, finanzjarji, tekniċi, u infrastrutturali jekk il-miżuri proposti għandhom jitwettqu.

Hemm bżonn ukoll ta' impenn serju u perseveranza mill-partijiet interessati kollha, speċjalment il-gvern u s-settur pubbliku, iżda wkoll minn organizzazzjonijiet mhux governattivi kif ukoll l-anzjani nfushom u dawk tal-familja li jieħdu ħsiebhom. In-natura multidimensjonali tal-*Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva* teħtieġ li Ministeri u Segretarjati Parlamentari oħra - minbarra l-Ministeru għall-Anzjanità Attiva

- ikollhom rwol dinamiku sabiex jilħqu l-għanijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Filwaqt li l-Ministeru għall-Anzjanità Attiva ċertament ser imexxi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'dan id-dokument, l-impetu nazzjonali tal-politika strateġika teħtieġ li Ministeri differenti jiżguraw l-iffinanzjar neċessarju u r-riżorsi umani għall-inizjattivi li jaqgħu taħt il-mandat rispettiv tagħhom. Minbarra dan, jista' jkun li r-riżorsi nazzjonali tal-baġit ikun jeħtieġu li jiġu ssupplimentati b'finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Jekk inħarsu 'l quddiem, l-ewwel rakkomandazzjoni hi għall-Gvern biex iniedi Kumitat Interministerjali ppresedut mill-Ministeru responsabbli għall-Anzjanità Attiva, li għandu r-responsabbiltà biex iwettaq il-proċess tal-eżekuzzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fi żmien raġonevoli. Biex dan isir, qed ikun suġġerit li jinżammu laqgħat kull tlett xhur u li rappurtaġġ perjodiku jsir permezz tal-punti fokali fil-ministeri u entitajiet rispettivi.

Dan il-Kumitat Interministerjali b'hekk ser ikun qed jikkoordina u jħares il-proċess ta' implimentazzjoni, u jiżgura l-koordinazzjoni tal-proċess ta' implimentazzjoni billi jevalwa l-prijoritajiet u jiddetermina pjan ta' azzjoni, perjodi ta' żmien u atturi ewlenin; jiċċertifika forza tax-xogħol imħarrġa fil-benesseri tal-anzjani; jiggarantixxi li l-azzjonijiet imniżżla f'din il-politika jitwettqu b'mod effettiv u effiċjenti; jiżgura li l-anzjani, dawk li jieħdu ħsiebhom, u membri tal-familja jkunu involuti direttament matul il-fażijiet varji tal-proċess tal-implimentazzjoni; u jiċċertifika li l-baġit allokat għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-istrateġija jintefaq b'mod sostenibbli u ġust. Fl-aħħar, il-Kumitat Interministerjali ser jevalwa u jiddiskuti x'miżuri u inizjattivi oħra jistgħu jittieħdu fid-dawl ta' ħajja tax-xogħol itwal.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Politika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva: Malta 2023 - 2030 hi mfassla fuq tliet temi ewlenin: l-inklużjoni soċjali, l-anzjanità b'saħħitha, u l-bżonn li nindirizzaw id-diversità u l-inugwaljanza. L-anzjanità attiva tirreferi għas-sitwazzjoni fejn persuni anzjani u li qed jixjieħu għandhom opportunità ottimali biex jipparteċipaw fis-soċjetà, speċjalment fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-soċjetà, jixjieħu b'saħħithom u b'mod indipendenti, f'soċjetà kkaratterizzata minn ġustizzja soċjali, ugwaljanza u ġustizzja.

**L-inklużjoni soċjali tirreferi għall-integrazzjoni tal-anzjani fis-soċjetà, u b'hekk, tiġġieled kontra d-dipendenza manifatturata mis-soċjetà tal-anzjani li tirriżulta mill-impożizzjoni u l-aċċettazzjoni, tal-irtirar kmieni; il-leġittimizzazzjoni tad-dħul baxx; iċ-ċaħda tad-drittijiet għall-awtodeterminazzjoni f'istituzzjonijiet.**

Hemm tliet inferenzi ewlenin fir-rigward tal-interfaċċa bejn il-ħajja anzjana u l-inklużjoni soċjali. L-ewwel, in-nies li huma esklużi mis-soċjetà iktar kmieni fil-ħajja ġeneralment jesperjenzaw iktar esklużjoni ladarba jixjieħu. It-tieni, tranżizzjonijiet ewlenin assoċjati mal-ħajja anzjana bħall-irtirar jew li tormol jafu jħallu lill-ħajjin u lill-imsieħba ħajjin bi gradi ogħla ta' esklużjoni soċjali. It-tielet, id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u l-etaiżmu, kif ukoll meta jkun hemm żewġ żvantaġġi jew tliet żvantaġġi, jintensifikaw il-marġinalizzazzjoni fil-ħajja anzjana.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali* tipprovdi numru ta' rakkomandazzjonijiet dwar firxa ta' kwistjonijiet li, jekk implimentati, għandhom il-potenzjal li jtejbu l-livelli ta' inklużjoni soċjali għall-anzjani. Oqsma ta' interess jinkludu s-solitudni u l-iżolament soċjali; is-sigurtà finanzjarja; l-ingaġġ ċiviku; il-kura tal-konjuġi jew l-imsieħba, tfal u neputijiet; Ċentri għall-Anzjanità Attiva; it-tagħlim tat-tielet età; it-tagħlim tar-raba' età; it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; it-trasport; u komunitajiet favur l-età.

L-anzjanità b'saħħitha tirreferi għall-proċess tal-iżvilupp u l-manteniment tal-kapaċità funzjonali li tiffaċilita l-benesseri fil-ħajja anzjana. Il-kapaċità funzjonali tinkludi attributi relatati mas-saħħa li tippermetti lin-nies ikunu u jagħmlu dak li għandhom raġuni biex jagħtu valur għalih, u jikkonsisti fil-kapaċità intrinsika tal-individwu, karatteristiċi ambjentali rilevanti u l-interazzjonijiet bejn l-individwu u dawk il-karatteristiċi.

Filwaqt li l-kapaċità intrinsika hi t-taħlita tal-kapaċitajiet fiżiċi u mentali ta' individwu, l-ambjenti jinkludu l-fatturi kollha tad-dinja estrinsika li jiffurmaw il-kuntest tal-ħajja tal-individwu bħad-djar, il-komunitajiet u s-soċjetà usa'. Dawn l-ambjenti jinkludu firxa ta' fatturi li jinkludu l-ambjent mibni, in-nies u r-relazzjonijiet, l-attitudnijiet u l-valuri tagħhom, il-politiki tas-saħħa u soċjali, is-sistemi li jappoġġjawhom, u s-servizzi li jimplimentaw. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali* tipprovdi numru ta' rakkomandazzjonijiet dwar firxa ta' kwistjonijiet li, jekk implimentati, għandhom il-potenzjal li jtejbu l-livelli ta' inklużjoni soċjali għall-anzjani. Attenzjoni speċjali tingħata lill-għajxien indipendenti: aċċess għas-servizzi tas-saħħa; attività fiżika; sigurtà fiżika; benesseri mentali; tranżizzjoni tal-irtirar; kura fil-komunità; kura fit-tul fir-residenzi; nutrizzjoni għall-anzjanità

b'saħħitha; kura fl-aħħar tal-ħajja u l-iskrinjar tas-saħħa.

Il-fehim olistiku tal-anzjanità fis-soċjetà hi possibbli biss jekk wieħed jagħraf il-kwistjonijiet ta' eteroġeneità u inekwità inerenti. Għalkemm minn naħa hemm korp ta' letteratura wiesa' dwar l-anzjanità u min-naħa l-oħra hemm id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-anzjanità, il-ġeneru, id-diżabilità, is-sesswalità, l-etniċitajiet, l-aċċess għall-ġustizzja u d-dimenzja, il-politika pubblika ġeneralment tara l-anzjanità minn perspettivi omoġenji u normattivi. L-urġenza biex niddistingwu l-anzjani li għadhom ftit żgħar minn dawk li huma proprja anzjani, u bejn dawk tat-tielet età u dawk tar-raba' età, tfisser li d-diversità tal-popolazzjoni li qed tixjieħ kienet injorata u mhux imħarsa. Pereżempju, l-eterosesswalità tkompli bħala norma assoluta f'politiki tal-anzjanità pożittiva u b'saħħitha, kif ukoll f'prattiki tajbin u standards minimi tal-kura fil-komunità u fit-tul. Nistgħu ngħidu l-istess ħaġa dwar l-etniċità f'politiki dwar l-anzjanità attiva u b'suċċess li ħafna drabi jassumu li l-popolazzjoni fil-mira tgħix f'univers kulturali waħdieni kkaratterizzat minn normi u valuri identiċi. Barra minn hekk, gruppi soċjali mhumiex biss differenti fil-prospetti personali u komunitarji tagħhom iżda wkoll għandhom kapital finanzjarju, kulturali, soċjali u fiżiku iktar baxx minn tas-soltu.

Il-Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva titbiegħed minn diskorsi omoġenizzanti u narrattivi grandjużi biex tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar l-oqsma ta' interess li ġejjin: l-etaiżmu u d-diskriminazzjoni abbażi tal-età; il-ġeneri; l-anzjani leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri, intersesswali u queer; l-akkomodazzjoni u housing; l-etniċità; l-abbuż u t-trattament ħażin; l-aċċess għall-ġustizzja; l-anzjanità f'faċilitajiet korrettivi; l-anzjanità b'diżabilità u l-kura għad-dimenzja.

# GHAN 01

# L-INKLUŻJONI SOĊJALI

Għal bosta għexieren ta' snin, ix-xogħol tar-riċerka u politika dwar l-anzjanità kien ikkonċernat biss fuq is-saħħa fiżika u mentali, u l-funzjonament konjittiv. Fil-verità, tali suġġetti huma importanti fihom infushom u għandhom reżonanza partikolari għall-anzjani, speċjalment dawk li huma fraġli. Madankollu, hu wkoll veru li din l-idea dejqa wasslet għan-negliġenza sfortunata tal-aspetti tas-soċjetà tal-anzjanità u l-kontributi tagħhom għall-kwalità tal-ħajja u l-benesseri. Għalkemm kunċetti bħall-ġenerattività u l-ġerotraxxendenza kienu strumentali biex titqiegħed lura dimensjoni soċjali għar-riċerka akkademika u formazzjoni politika, il-kunsens hu li l-inklużjoni soċjali hi ewlenija biex niżguraw li d-drittijiet tal-bniedem ma jiskadux bl-età.

L-inklużjoni soċjali tirreferi għall-"integrazzjoni tal-anzjani fis-soċjetà", u b'hekk, tiġġieled kontra d-dipendenza manifatturata mis-soċjetà tal-anzjani li tirriżulta mill-"impożizzjoni u l-aċċettazzjoni tal-irtirar kmieni; il-leġittimizzazzjoni tad-dħul baxx; [u] iċ-ċaħda tad-drittijiet għall-awtodeterminazzjoni f'istituzzjonijiet" (Townsend, 1981, p. 5). Hemm tliet inferenzi ewlenin fir-rigward tal-interfaċċa bejn il-ħajja anzjana u l-inklużjoni soċjali. L-ewwel, in-nies li huma esklużi mis-soċjetà iktar kmieni fil-ħajja ġeneralment jesperjenzaw iktar esklużjoni ladarba jixjieħu. It-tieni, tranżizzjonijiet ewlenin assoċjati mal-ħajja anzjana bħall-irtirar jew li tormol jafu jħallu lill-ħajjin u lill-imsieħba ħajjin bi gradi ogħla ta' esklużjoni soċjali. It-tielet, id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u l-etaiżmu, kif ukoll meta jkun hemm żewġ żvantaġġi jew tliet żvantaġġi, jintensifikaw il-marġinalizzazzjoni fil-ħajja anzjana. Iffaċċjata b'tali kwistjonijiet, il-Politika Strateġika Nazzjonali tipprovdi numru ta' rakkomandazzjonijiet dwar firxa ta' kwistjonijiet li, jekk implimentati, għandhom il-potenzjal li jtejbu l-livelli ta' inklużjoni soċjali għall-anzjani.

**Tema 1.1**

# Is-solitudni u l-iżolament soċjali

## Ir-rati ta' prevalenza internazzjonali jissuġġerixxu li madwar terz tal-anzjani jesperjenzaw is-solitudni u/jew l-iżolament soċjali (Berg-Weger & Morley, 2020).

L-impatti negattivi ta' tali esperjenzi fuq is-saħħa fiżika u mentali ġew magħrufa b'mod persistenti fi studji tar-riċerka, b'ċertu studjużi saħansitra jgħidu li s-solitudni tista' tiġi mqabbla mal-malnutrizzjoni fiżika. Hemm diversi fatturi li jistgħu jikkawżaw is-solitudni fl-anzjanità, mill-fraġilità għall-illitteriżmu għal dijanjożi tad-dimenzja. Madankollu, li tormol hu ċertament forsi l-indikatur ewlieni ta' attivazzjoni kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Għalkemm kwistjonijiet ta' solitudni u iżolament soċjali ġeneralment ma ġewx imħarsa f'politiki għall-anzjanità attiva, ta' suċċess u pożittiva, peress li l-prinċipji li fuqhom ikunu mfassla ta' spiss jiffavorixxu viżjoni tal-anzjanità kkaratterizzata minn livelli tajbin ta' kapital soċjali, il-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha attenzjoni miżjuda dwar l-iżolament soċjali u s-solitudni għall-anzjani.

Hawnhekk, wieħed għandu wkoll jinnota li dawk l-iktar f'riskju ta' solitudni f'dan il-grupp huma anzjani fraġli li ma jistgħux joħorġu minn darhom, dawk b'dijanjożi tad-dimenzja jew mard fiżiku jew mentali ieħor, u speċjalment, anzjani fid-djar tal-kura u faċilitajiet għall-kura fit-tul.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-eżekuzzjoni ta' network komunitarju li jipprovdi servizzi ta' ħbiberija u appoġġ permezz ta' żjarat personali, pjattaforma għat-tagħlim online, u laqgħat għall-appoġġ fi** | • It-twessigħ ta' servizzi bbażati fil-komunità.<br>• Il-kollaborazzjoni ma' studenti tal-kura soċjali għall-ħolqien ta' network komunitarju.<br>• Il-ħolqien ta' sit web ċentrali ddedikat għall-anzjanità attiva li jinkludi materjal edukattiv u informazzjoni dwar is-servizzi differenti li jeżistu.<br>• It-twettiq ta' riċerka biex tidentifika lakuni fl-għarfien, biex tipprevjeni u tnaqqas is-solitudni u l-iżolament soċjali.<br>• L-organizzazzjoni ta' workshops tat-taħriġ li jgħallmu l-professjonisti tal-kura tas-saħħa dwar l-iżolament u s-solitudni fl-anzjanità. |
| **L-implimentazzjoni ta' programmi li jindirizzaw sottogruppi ta' anzjani vulnerabbli għas-solitudni bħall-migranti, nies b'diffikultajiet tas-saħħa kroniċi u romol.** | • L-evalwazzjoni tal-bżonn ta' servizzi speċjalizzati.<br>• Id-disinn u l-eżekuzzjoni ta' kampanji promozzjonali tas-servizzi soċjali disponibbli.<br>• L-għajnuna lill-anzjani voluntiera biex jagħmlu ħbieb ma' sħabhom li forsi qed jesperjenzaw l-iżolament u s-solitudni. |
| **It-tnedija ta' interventi mmexxija mill-komunità bil-mira tagħhom tkun l-anzjani li jgħixu f'darhom, speċjalment dawk li ma jistgħux joħorġu minn darhom, u anzjani li qed jgħixu fir-residenzi għall-kura fit-tul.** | • Il-preparazzjoni għar-reklutaġġ ta' kwalunkwe professjonist multidixxiplinarju meħtieġ. |

Tema 1.2

# Sigurtà finanzjarja

## L-istennija tal-għomor li qed tiżdied, flimkien mat-titjib fil-kura tas-saħħa u t-teknoloġija, ifisser żieda fin-numru ta' anzjani li ser jgħixu iktar mill-'età tal-irtirar'.

Kontrarjament għar-rappreżentazzjonijiet preġudikati tal-anzjanità, l-irtirar mhux esperjenza negattiva għal ħafna nies. Madankollu, il-preparazzjoni għall-irtirar m'għandhiex titħalla għall-aħħar minuta u tiġi ttrattata biss meta tidher inevitabbli. Dan hu partikolarment veru għall-affarijiet finanzjarji u l-adulti għandhom jippjanaw bil-quddiem għal żmien meta forsi ma jkunux iridu jew ma jkunux jistgħu jkomplu jaħdmu. Għalkemm il-pensjonijiet u l-għotjiet pubbliċi għandhom rwol sinifikanti biex jippermettu s-sigurtà tad-dħul fl-anzjanità, dejjem hemm il-possibbiltà li l-anzjani jsibu ruħhom fir-riskju tal-faqar. Għaldaqstant, l-ippjanar finanzjarju għandu jsir tul il-ħajja kollha adulta. Il-programm "Ġemma'" li jiffoka fuq il-kapaċità finanzjarja u l-ippjanar finanzjarju huma passi fid-direzzjoni t-tajba.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-appoġġ għall-ippjanar finanzjarju matul il-ħajja permezz ta' programmi u prodotti li jinkoraġixxu l-ippjanar finanzjarju fit-tul li hu personalizzat biex jindirizza l-bżonnijiet diversi tal-anzjani.** | • L-organizzazzjoni ta' programmi ta' litteriżmu finanzjarju għall-anzjani f'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali.<br>• S-Sit ċentrali għandu jinkludi ħoloq għal informazzjoni dwar il-pensjonijiet tal-gvern u kwalunkwe benefiċċju soċjali ieħor.<br>• S-Sit ċentrali għandu jinkludi materjal edukattiv li jenfasizza l-mistoqsijiet li jsiru ta' spiss u jinkludi gwidi dwar l-ippjanar finanzjarju.<br>• Il-provvista ta' servizzi finanzjarji għall-membri taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva u residenti fid-djar tal-kura u fil-faċilitajiet għall-kura fit-tul.<br>• L-għarfien fost iċ-ċittadini, inkluż ħaddiema migranti, biex iħallsu l-kontributi tas-sigurtà soċjali u jinvestu f'pensjonijiet aħjar fl-anzjanità. |
| **Il-protezzjoni tal-anzjani permezz tal-indirizzar tal-abbuż finanzjarju u l-frodi permezz tat-taħriġ tal-professjonisti biex jitgħallmu jidentifikaw il-problemi malajr u jużaw approċċi diversi ta' prevenzjoni.** | • Il-provvista ta' taħriġ adegwat lill-professjonisti biex jidentifikaw is-sinjali ta' twissija tal-abbuż ekonomiku tal-anzjani.<br>• It-tnedija ta' kampanji nazzjonali ta' għarfien għall-anzjani biex jidentifikaw sinjali ta' frodi.<br>• L-iżgurar li s-sit ċentrali jinkludi informazzjoni dwar kif tidentifika sinjali ta' imġiba frawdolenti mmirata lejn l-anzjani. |

**Tema 1.3**

# Impenn ċiviku

## L-involviment tal-anzjani fil-komunità u fi sforzi pubbliċi, bl-għan finali tat-titjib tal-kwalità tal-ħajja tas-soċjetà, hu ċentrali għal stil ta' ħajja ta' anzjanità attiva.

Dan jinkludi li jieħdu sehem fi programmi, affarijiet pubbliċi u attivitajiet politiċi komunitarji. Fl-anzjanità, l-impenn ċiviku hu ġeneralment eżerċitat permezz tal-volontarjat li jirriżulta f'diversi riżultati ta' benefiċċju fuq is-saħħa fiżika u mentali. Madankollu, dan il-mekkaniżmu jeskludi lill-anzjani li ma jistgħux jew ma jridux jagħmlu l-volontarjat. Għaldaqstant, l-impenn ċiviku fl-anzjanità għandu jkun estiż lil hinn mill-volontarjat u fi rwol li jinvolvi l-parteċipazzjoni ma' organizzazzjoni - kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le - li hi impenjata li twettaq għanijiet ċiviċi, bħal organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-fidi, istituzzjonijiet edukattivi jew aġenziji tas-servizzi soċjali.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Il-konsiderazzjoni ta' modi effettivi ta' appoġġ lill-organizzazzjonijiet li jiddependu fuq il-voluntiera.** | • Il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet volontarji għall-parteċipazzjoni tal-anzjani.<br>• Is-sit ċentrali għall-anzjanità attiva għandu jinkludi informazzjoni dwar il-benefiċċji personali u soċjali tal-volontarjat, jgħin lin-nies isibu opportunitajiet viċin id-dar tagħhom u jinkludi l-mezzi biex l-organizzazzjonijiet ikunu kkuntattjati direttament. |
| **Il-promozzjoni ta' kampanji ta' għarfien li jtennu l-kontributi straordinarji tal-voluntiera u jinkoraġġixxu l-anzjani jagħmlu l-volontarjat.** | • Il-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li jinkoraġġixxu l-anzjani jagħmlu l-volontarjat u b'hekk jixjieħu b'mod produttiv.<br>• Il-promozzjoni tal-volontarjat permezz ta' forom differenti tal-midja partikolarment pjattaformi online. |

Tema 1.4

# Kura għall-konjuġi jew imsieħba, tfal u neputijiet

## Il-kura tirreferi għall-provvista jew riċeviment ta' assistenza b'mod li jappoġġja, u jinvolvi kemm il-reċiproċità kif ukoll l-interdipendenza.

Filwaqt li l-politika 'mainstream' spiss tiffoka fuq ir-riċeviment mill-anzjani ta' kura formali jew informali, politiki ta' anzjanità attiva jiffokaw fuq il-kura pprovduta minn anzjani lill-konjuġi jew imsieħba, tfal u neputijiet. Filwaqt li s-sors ewlieni tal-kura tal-anzjani hu ġeneralment il-konjuġi jew is-sieħeb/sieħba tagħhom, ħafna anzjani jipprovdu kontributi finanzjarji diretti u assistenza oħra mhux finanzjarja lit-tfal tagħhom. Fl-istess ħin, l-anzjani jgħaddu ammont ta' sigħat konsiderevoli jieħdu ħsieb in-neputijiet tagħhom, iwassluhom jew jiġbruhom mill-iskejjel, joffru appoġġ prattiku u emozzjonali, b'hekk jiffrankaw lit-tfal tagħhom spejjeż sinifikanti tal-indukrar tat-tfal.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-użu tal-evalwazzjonijiet tal-kura bħala opportunità għall-ġbir tal-informazzjoni, bini tar-relazzjonijiet, sabiex tiżdied il-kwalità tas-sħubija terapewtika bejn dawk li jieħdu ħsieb u l-utenti tas-servizz.** | • L-evalwazzjoni mill-ġdid u t-tisħiħ tas-servizzi eżistenti tas-sensibilizzazzjoni. |
| **L-evalwazzjoni tar-rwol u l-kontribut tan-nanniet fin-nukleu familjari.** | • Id-disinn ta' eżerċizzju tar-riċerka bl-għan tal-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-politika pubblika. |

Tema 1.5

# Ċentri tal-Anzjanità Attiva

## It-trasformazzjoni taċ-Ċentri tal-Ġurnata għall-Anzjani f'Ċentri tal-Anzjanità Attiva kien pass fid-direzzjoni t-tajba għax għen sabiex jittejbu l-livelli tal-anzjanità b'suċċess u produttiva tal-anzjani.

Iċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva huma sors ta' promozzjoni vitali, ibbażata fuq il-komunità, soċjali u tas-saħħa li tippermetti lil ħafna familji li joħolqu l-pont bejn indipendenza totali u appoġġ limitat. L-istadju li jmiss hu biex iċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva jespandu s-servizzi u l-programmi tagħhom sabiex jippermettu lil dawk li jattendu biex jilħqu s-saħħa, l-indipendenza u s-sodisfazzjon massimu. Dan l-għan jista' jitwettaq jekk iċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva jieħdu sehem f'attivitajiet li mhumiex normalment assoċjati mal-anzjani bħall-kitba kreattiva, l-arti u l-mużika, l-arti viżwali bħall-fotografija, l-ortikultura, u l-ħarġiet kulturali sal-mużewijiet, teatri u avvenimenti sportivi.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Evalwazzjoni tal-aċċessibbiltà taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva u sussegwentement l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' metodi għat-titjib.** | • Il-promozzjoni tas-servizzi taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva.<br>• L-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' divertiment u kulturali għall-parteċipanti.<br>• Il-koordinament ta' workshops ta' taħriġ dwar is-saħħa mentali għall-persunal taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva. |
| **L-espansjoni tal-mandat taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva sabiex jinkludu programmi, opportunitajiet tal-volontarjat, programmi interġenerazzjonali, u opportunitajiet tal-azzjoni komunitarja.** | • Ir-reviżjoni ta' attivitajiet li bħalissa huma organizzati minn ċentri għall-anzjanità attiva.<br>• Il-kontinwazzjoni tal-modernizzazzjoni taċ-ċentri għall-anzjanità attiva. |

**Tema 1.6**

# It-tagħlim fit-tielet età

L-isfera tat-tagħlim fit-tielet età żviluppat minn numru ta' programmi għal numru li qed jikber ta' Universitajiet tat-Tielet Età, programmi għall-anzjani fl-ICT, korsijiet tat-tagħlim qabel l-irtirar, u opportunitajiet għat-tagħlim matul il-ħajja fl-umanitajiet u x-xjenzi soċjali.

Biex inħarsu 'l quddiem jeħtieġ li t-tagħlim fit-tielet età jkollu aġenda ta' parteċipazzjoni wiesgħa biex tilħaq l-irġiel anzjani, l-anzjani b'livelli ta' edukazzjoni iktar baxxi minn dawk medjani, dawk li jgħixu f'lokalitajiet rurali, minoritajiet etniċi, u anzjani b'diżabilità li jgħixu fil-komunità. It-tagħlim fit-tielet età b'hekk mhux biss jikkontribwixxi sempliċiment għall-progress ekonomiku u l-inklużjoni soċjali, u jissodisfa x-xewqat tan-nies għall-iżvilupp personali u l-kreattività hekk kif jixjieħu, iżda jservi wkoll bħala strument tal-inklużività soċjali.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Iż-żieda tal-opportunitajiet għat-tagħlim fit-tielet età fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali filwaqt li jkun hemm assistenza fit-twessigħ tal-kurrikuli u l-għażla tal-faċilitaturi.** | • Iż-żieda fil-varjetà tal-għażliet għat-tagħlim.<br>• Il-provvista ta' għalliema b'taħriġ dwar kif jgħallmu lill-istudenti anzjani.<br>• L-iffaċilitar tat-tagħlim mingħand l-imsieħba.<br>• It-tnedija ta' kampanji promozzjonali mifruxa sew.<br>• Iż-żieda fl-għarfien ta' opportunitajiet għat-tagħlim għall-anzjani permezz ta' sit ċentrali għall-anzjanità attiva. |
| **Il-provvista ta' opportunitajiet għat-tagħlim interġenerazzjonali sabiex jikkontribwixxu lejn il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-fehim u l-kooperazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet differenti.** | • L-iżgurar li l-faċilitaturi involuti fit-tagħlim fit-tielet età huma kompetenti fil-ġeragoġija.<br>• L-introduzzjoni ta' proġett fejn l-istudenti jgħallmu l-IT lill-anzjani. |

Tema 1.7

# It-tagħlim fir-raba' età

## Fl-ispirtu tal-pronunzja tan-Nazzjonijiet Uniti dwar li 'ma nħallu lil ħadd lura' fil-politika tal-anzjanità, il-Politika Strateġika Nazzjonali ma tistax ma tħarisx lejn il-persuni tar-'raba' età' - jiġifieri, anzjani li jew ma jistgħux joħorġu minn djarhom jew li jgħixu f'faċilitajiet residenzjali tal-kura fit-tul, u għalhekk, ma jistgħux jaċċessaw settings tal-klassijiet fil-komunità.

Persuni ftit anzjani b'kumplikazzjonijiet li bdew kmieni minn puplesiji, dijabete, u mard newroloġiku, kif ukoll persuni anzjani ħafna bi sfidi kumplessi ta' mobilità u konjittivi, xorta għandhom bżonn u interess li jieħdu sehem f'attivitajiet sinifikanti. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali* hi favur opportunitajiet indaqs għall-anzjani kollha irrispettivament mill-istatus ta' mobilità u konjittiv tagħhom, u irrispettivament minn jekk jgħixux fil-komunità jew f'faċilitajiet tal-kura fit-tul.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **It-twessigħ tal-opportunitajiet għat-tagħlim fir-raba' età f'settings tal-kura residenzjali u l-użu tal-midja tar-radju u tat-televiżjoni għall-anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom.** | • L-iżgurar li numru ta' korsijiet tat-tagħlim għall-adulti jkunu disponibbli wkoll f'forom differenti tal-midja inkluż l-istrimjar. L-aċċessibbilità għal dawn is-sessjonijiet ser tkun disponibbli permezz ta' sit ċentrali għall-anzjanità attiva.<br>• L-organizzazzjoni ta' sessjonijiet fi grupp għat-tagħlim fir-raba' età fi djar residenzjali. |
| **Il-provvista ta' persunal li huma responsabbli għall-provvista ta' attivitajiet sinifikanti u ta' tagħlim għal persuni fraġli f'settings ta' kura fit-tul b'kompetenza f'ħiliet ġeragoġiċi.** | • Ir-reklutaġġ ta' persunal fi djar tal-kura li ser ikunu responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-anzjani f'attivitajiet soċjali u ta' tagħlim. |

Tema 1.8

# It-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

## Il-kompetenza diġitali hi ħila neċessarja għaċ-ċittadinanza sħiħa u attiva. Bl-istess mod kif l-edukazzjoni ppromwoviet id-demokrazija u t-tkabbir edukattiv, il-kompetenza diġitali għandha l-potenzjal li tiffaċilita l-benesseri soċjali.

L-aċċess għall-kompjuter u l-użu online għandhom effett pożittiv fuq l-awtonomija u l-indipendenza tal-adulti, billi jipprevjenihom mit-tnaqqis konjittiv u t-titjib tal-funzjonament ta' kuljum. Tali ħiliet huma ta' valur għall-anzjani li jgħixu waħedhom, dawk li huma romol, li jgħixu f'postijiet rurali, jew li għandhom restrizzjonijiet ta' mobilità. Madankollu, wieħed isib qasma globali diġitali minħabba l-età fejn l-anzjani huma dejjem inqas kompetenti diġitalment. Dan kien viżibbli speċjalment waqt il-pandemija tal-COVID-19 fejn id-distakk bejn dawk b'ħiliet diġitali u li għandhom konnessjoni mal-internet, u dawk li m'għandhomx tali ħiliet kienet evidenti ħafna.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
| --- | --- |
| **L-għarfien tal-importanza tal-kompetenza diġitali fuq il-benesseri fl-anzjanità sabiex ikun hemm aċċellerazzjoni fl-użu tal-hardware tal-kompjuter u tal-aċċess online fost l-anzjani.** | • Il-provvista ta' korsijiet tal-IT mifruxa sew.<br>• L-ilħuq ta' anzjani u stedina lill-anzjani li mhumiex wisq litterati u kompetenti diġitalment biex jipparteċipaw f'korsijiet tal-IT.<br>• S-sit ċentrali għall-anzjanità attiva ser jinkludi informazzjoni u tutorials bażiċi tal-IT bħal kif iżżomm ruħek 'il bogħod mill-periklu online. |
| **It-titjib tal-aċċessibbiltà għall-internet.** | • L-iffaċilitar tal-aċċess għall-internet għall-anzjani bi dħul baxx. |

Tema 1.9

# It-Trasport

Hu kruċjali li l-anzjani jibqgħu mobbli sabiex isostnu l-awtonomija tagħhom. Madankollu, hekk kif in-nies jixjieħu, ħafna minnhom jieqfu jsuqu l-vetturi personali tagħhom jew minħabba għażla personali jew għal raġunijiet mediċi.

Bħala riżultat ta' dan, il-popolazzjoni anzjana hi dipendenti ferm fuq it-trasport pubbliku sabiex tibqa' indipendenti u tinteraġixxi soċjalment, u tiċċaqlaq minn lokalità għal oħra. L-Gvern ħa pass fid-direzzjoni t-tajba hekk kif issa kulħadd jistà jivvjaġġa b'xejn fuq it-trasport pubbliku. Madankollu hemm bżonn ta' iktar evalwazzjoni relatata mal-anzjanità dwar kif it-trasport jista' jaqdi lill-anzjani b'mod aħjar.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-appoġġ għal trasport sostenibbli, intelliġenti, u favur l-età u l-iżgurar li t-trasport pubbliku hu aċċettabbli, disponibbli, affordabbli, u aċċessibbli, u bla periklu u sikur għall-anzjani.** | • L-evalwazzjoni tas-sistema tas-servizz pubbliku, speċjalment il-bus stops u r-rotot tax-xarabanks, għat-titjib tas-servizz tiegħu għall-anzjani.<br>• L-evalwazzjoni tas-servizz 'Silver-T' li hu disponibbli bħalissa u l-identifikazzjoni ta' modi għat-titjib.<br>• Il-bidu u l-manutenzjoni tan-networking bejn is-siti differenti tas-servizz 'Silver-T'. |

Tema 1.10

# Komunitajiet favur l-età

## Il-moviment favur l-età qabad l-immaġinazzjoni taċ-ċittadini, ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi madwar id-dinja.

Madankollu, inizjattivi mmexxija minn fuq għal isfel jirrikjedu l-ispazju għall-għarfien dwar x'hemm bżonn li jsir mir-residenti anzjani nfushom. Wara kollox, dawn huma l-ibliet u l-villaġġi tagħhom, il-lokalitajiet tagħhom, id-djar tagħhom, it-toroq tagħhom. Fl-istess ħin, komunitajiet favur l-età ma jistgħux isiru mingħajr sħubiji innovattivi bejn il-gvern nazzjonali u l-kunsilli lokali sabiex jindirizzaw il-komponenti li ġejjin kollha: l-akkomodazzjoni, il-parteċipazzjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva, ir-rispett u l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni ċivika u l-impjieg, il-komunikazzjoni u l-informazzjoni, l-appoġġ fil-komunità u s-servizzi tas-saħħa, l-ispazji barra u l-bini, u t-trasport.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
| --- | --- |
| **L-involviment ta' negozji, partijiet interessati, u kunsilli lokali biex jissieħbu u jimplimentaw il-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar bliet favur l-età.** | • Iż-żamma ta' laqgħat bl-għan li jiġi provdut informazzjoni għall-partijiet interessati u li jesploraw ideat different għall-attivitajiet possibbli. |
| **L-involviment tal-anzjani fid-disinn tas-servizzi li jaffettwawhom, fit-teħid tad-deċiżjonijiet lokali, fir-riġenerazzjoni tal-lokal u fl-iżvilupp ta' inizjattivi li huma favur l-età.** | • L-iżgurar ta' kanali miftuħa tal-komunikazzjoni. Il-provvista ta' feedback għandu jkun aċċessibbli għall-anzjani. |

# GHAN 02

# L-ANZJANITÀ F'SAĦĦITHA

L-anzjanità f'saħħitha tirreferi għall-proċess tal-iżvilupp u l-manteniment tal-kapaċità funzjonali li tiffaċilita l-benesseri fil-ħajja anzjana (Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2015). Il-kapaċità funzjonali tinkludi attributi relatati mas-saħħa li tippermetti li n-nies ikunu u jagħmlu dak li għandhom raġuni biex jagħtu valur għalih, u jikkonsisti fil-kapaċità intrinsika tal-individwu, karatteristiċi ambjentali rilevanti u l-interazzjonijiet bejn l-individwu u dawk il-karatteristiċi.

Filwaqt li l-kapaċità intrinsika hi t-taħlita tal-kapaċitajiet fiżiċi u mentali ta' individwu, l-ambjenti jinkludu l-fatturi kollha tad-dinja estrinsika li jiffurmaw il-kuntest tal-ħajja tal-individwu bħad-djar, il-komunitajiet u s-soċjetà usa'. Dawn l-ambjenti jinkludu firxa ta' fatturi li jinkludu l-ambjent mibni, in-nies u r-relazzjonijiet, l-attitudnijiet u l-valuri tagħhom, il-politiki tas-saħħa u soċjali, is-sistemi li jappoġġjawhom, u s-servizzi li jimplimentaw.

Wieħed isib diversi politiki Maltin li jikkontribwixxu lejn l-anzjanità f'saħħitha u jinkludu, fost l-oħrajn, il-Politika dwar l-Ikel Tajjeb għas-Saħħa u l-Attività Fiżika u l-Politika dwar l-Ikel u n-Nutrizzjoni. Madankollu, it-triq lejn l-abbozzar ta' rakkomandazzjonijiet politiċi li huma ġġudikati tajjeb u prattiċi dwar l-anzjanità f'saħħitha hi waħda twila u mimlija sfidi. Meta n-nies jixjieħu, il-bżonnijet għall-kura tas-saħħa tagħhom spiss isiru iktar kroniċi u kumplessi. Sabiex nirrispondu għal dawk il-bżonnijiet hemm bżonn ta' kura integrata mibnija madwar għan komuni tal-ottimizzazzjoni tat-trajettorji tal-kapaċità funzjonali, il-benesseri psikoloġiku u emozzjonali, b'fokus speċifiku fuq il-massimizzazzjoni tal-kapaċità intrinsika. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' trasformazzjoni ta' forza tax-xogħol imħarrġa adegwatament permezz tal-provvista ta' taħriġ bażiku dwar il-kwistjonijiet ġerontoloġiċi u ġerjatriċi kemm matul it-taħriġ ta' qabel is-servizz kif ukoll matul il-korsijiet ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu għall-professjonisti kollha tas-saħħa, gruppi ġodda fil-forza tax-xogħol (pereżempju koordinaturi tal-kura u konsulenti tal-awtoġestjoni) u hemm bżonn ukoll tal-estensjoni tar-rwoli tal-persunal eżistenti, bħall-ħaddiema tas-saħħa fil-komunità.

Tema 2.1

# Għajxien indipendenti

Tħassib prevalenti ewlieni meta n-nies jixjieħu hu l-kapaċità li jżommu stil ta' ħajja indipendenti. Dan jirrikjedi 'kompetenza ta' kuljum' biex jissolvew il-problemi assoċjati mal-ħajja ta' kuljum li jistgħu jkunu kemm kumplessi kif ukoll multidimensjonali.

Hemm numru ta' anteċedenti għal stil ta' ħajja indipendenti u kompetenza ta' kuljum. Hemm bżonn tas-saħħa fiżika u l-funzjonament konjittiv (speċjalment diversi aspetti tal-memorja) sabiex jitwettqu l-Attivitajiet tal-Ħajja ta' Kuljum u l-Attivitajiet Strumentali tal-Ħajja ta' Kuljum, kif ukoll kompiti oħra importanti ta' kuljum bħall-konformità mal-mediċina, il-kitba tal-listi tax-xiri, il-ħlas tal-kontijiet, is-sewqan ta' karozza, u li joħorġu mir-residenzi tagħhom. Ħafna drabi, stil ta' ħajja indipendenti hu possibbli biss permezz ta' servizzi ta' appoġġ soċjali informali u formali li jipprovdu mhux biss assistenza prattika iżda wkoll appoġġ psikoloġiku bħal li jgħidu kelma f'kunfidenza, serħan il-moħħ, rispett, u li jitkellmu dwar kwistjonijiet ta' saħħa. Il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja indipendenti u kompetenzi ta' kuljum hi possibbli permezz tat-titjib tas-servizzi ta' appoġġ. Il-modifika tal-ambjent biex jitneħħew barrieri u ostakli, u interventi bħal programmi tat-tagħlim konjittiv li jtejbu l-kapaċitajiet fluwidi bħall-memorja, ir-raġunament, ir-raġunament induttiv, il-veloċità tal-ipproċessar, l-orjentazzjoni spazjali, u l-memorja verbali.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-għajnuna lill-anzjani biex ma jkunux passivi fir-relazzjoni tagħhom mal-ambjenti iżda minflok iżommu l-kapaċità li jagħżlu li jipprattikaw livelli ta' kwalità ta' aġenzija u awtonomija li għandhom influwenza pożittiva fuq id-dinjità, l-integrità, u l-libertà tagħhom.** | • L-għarfien għall-anzjani dwar kif għandhom jippreparaw ruħhom biex jgħixu għal iktar żmien f'darhom.<br>• It-titjib tal-appoġġ lill-familjari li jieħdu ħsiebhom permezz tat-tisħiħ tas-servizzi disponibbli. |
| **L-iżgurar li d-dominji ewlenin tal-kapaċità funzjonali li huma essenzjali għall-anzjani - jiġifieri, li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom; li jippermettulhom li jitgħallmu, jikbru u jieħdu deċiżjonijiet; li jkunu mobbli; li jibnu u jżommu relazzjonijiet; u jikkontribwixxu - jkunu possibbli u permissibbli.** | • Ir-reviżjoni tas-servizzi tal-appoġġ psikoloġiku.<br>• L-investiment fir-reklutaġġ ta' infermiera fid-djar.<br>• Il-ħolqien ta' pjattaforma kollaborattiva bejn fornituri tas-servizzi pubbliċi u privati.<br>• It-tisħiħ tas-servizzi eżistenti tal-kura fil-komunità.<br>• L-espansjoni tas-servizzi ta' kenn ta' billejl. |

**Tema 2.2**

# Aċċess għas-servizzi tas-saħħa

## Malta għandha sistema tal-kura tas-saħħa pubblika li tipprovdi servizzi b'xejn liċ-ċittadini Maltin kollha u lir-residenti tal-Unjoni Ewropea bil-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa.

L-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-anzjani huwa adegwat kemm fir-rigward ta' disponibbiltà kif ukoll l-affordabbiltà peress li s-servizzi ta' tabib huma pprovduti mingħajr ħlas fil-kliniċi komunitarji u fiċ-ċentri tas-saħħa fiż-żewġ gżejjer. Madankollu, mekkaniżmi li jafu jżidu l-aċċess għall-anzjani għas-servizzi tas-saħħa jinkludu infrastruttura mtejba tat-trasport f'żoni rurali u għal anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom, il-koordinament ta' programmi tal-litteriżmu dwar is-saħħa għall-anzjani minn gruppi soċjoekonomiċi iktar baxxi u romol li spiss jiffaċċjaw l-ikbar sfida biex jaċċessaw is-servizzi tal-kura tas-saħħa akuta, u l-introduzzjoni ta' ppjanar tal-kura avvanzata fiċ-ċentri tas-saħħa.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
| --- | --- |
| **L-iffaċilitar tal-aċċess sabiex l-anzjani jagħmlu użu iktar effiċjenti tas-servizzi bħall-kura primarja, servizzi soċjali u servizzi tal-kura tas-saħħa sabiex ikollhom ħajja iktar indipendenti.** | • Ir-reviżjoni tal-aċċessibilità tas-servizzi disponibbli bħalissa.<br>• Ir-reviżjoni ta' pjanijiet għal kwalunkwe servizz ġdid u l-iżgurar tal-aċċessibilità.<br>• L-iffaċilitar tal-aċċess għas-servizzi tal-outpatient. |
| **L-iżgurar li l-anzjani mhumiex esklużi minn mezzi ġodda ta' provvista ta' servizzi, bħall-mekkaniżmi online, sabiex is-servizzi kollha jibqgħu kompletament disponibbli u aċċessibbli.** | • L-iżgurar li l-provvista tas-servizz hi disponibbli fil-forom differenti inkluż mezzi tradizzjonali. |

**Tema 2.3**

# L-attività fiżika

## Stil ta' ħajja anzjana attiva u f'saħħitha tirrikjedi attivita fiżika matul il-ħajja kollha, għalkemm li wieħed jibda fl-anzjanità hu wkoll ta' benefiċċju.

L-attività fiżika hi importanti kemm biex tinżamm il-kapaċità funzjonali u sabiex tipprevjeni l-mard kroniku u d-diżabilità, kif ukoll bħala parti mit-terapiji ta' riabilitazzjoni soċjali u mediċi. Il-workouts itejbu l-massa u s-saħħa tal-muskoli, u għandhom rwol importanti fil-fiżjoloġija tal-għadam u jipprevjenu l-osteoporożi, jipprevjenu l-waqgħat u l-fratturi, u għandhom diversi effetti ta' benefiċċju fuq is-saħħa konjittiva u tal-moħħ. L-attività fiżika wkoll issaħħaħ il-benesseri u tipproteġi kontra d-dipressjoni, ittejjeb il-kwalità tal-irqad, filwaqt li sessjonijet ta' eżerċizzju fi grupp joffru l-possibbiltà ta' soċjalizzazzjoni ma' nies oħra, u l-parteċipazzjoni f'diversi attivitajiet soċjali bħal żjarat lill-familjari u ħbieb, xiri mill-ħwienet u attendenza ta' avvenimenti kulturali.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-iżgurar ta' kampanji ta' għarfien u rakkomandazzjonijiet ċari fis-seħħ sabiex adulti kbar jilħqu l-livelli rakkomandati mil-linji gwida tal-attività fiżika għall-età tagħhom u għal kwalunkwe kundizzjoni tas-saħħa.** | • Iż-żieda fil-kampanji ta' għarfien permezz ta' materjal edukattiv dwar kif iżżomm is-saħħa fiżika.<br><br>• L-organizzazzjoni ta' taħditiet dwar is-saħħa u l-benesseri sabiex l-anzjani b'kapaċitajiet differenti jedukaw ruħhom dwar it-tip ta' eżerċizzju li jistgħu jagħmlu. |
| **Il-provvista ta' linji gwida dwar programmi ta' eżerċizzju biex jindirizzaw is-saħħa kardjorespiratorja, is-saħħa u l-bilanċ tal-muskoli.** | • Il-provvista ta' serje ta' struzzjonijiet u klassijiet speċjalizzati tal-eżerċizzju. Dawn il-programmi ser ikunu disponibbli fuq il-post u b'mod virtwali.<br><br>• L-involviment ta' ġinnasji u ċentri tas-saħħa fiżika għall-provvista ta' sessjonijiet favur l-età. |

**Tema 2.4**

# Is-Sigurtà Fiżika

## Is-sigurtà fiżika tirreferi għan-nuqqas ta' ħsara jew korriment minn prattiki jew minn artefatt fiżiku li jista' jinkludi persuna, il-kamra nnifisha, l-għamara, l-apparat mediku, u affarijiet ipprojbiti, fost affarijiet oħrajn.

Għaldaqstant din tifrex fuq diversi kwistjonijiet ta' tħassib bħal stairs negotiation, is-sigurtà f'temp kiesaħ u sħun, bankini favur l-età u aċċessibbli, is-sigurtà tal-ikel, l-użu sigur tal-mediċini, is-sigurtà fid-djar u fis-sewqan għan-nies li jgħixu bid-dimenzja, u xogħol fid-djar u fil-postijiet tax-xogħol biex isiru siguri kontra l-waqgħat. Is-sigurtà fiżika tirreferi wkoll għall-bżonn tal-anzjani li jħossuhom siguri jimxu waħedhom billejl fiż-żona fejn jgħixu, u ma jinkwetawx dwar il-possibbiltà li jkunu attakkati fiżikament, u li d-djar tagħhom jistgħu jaqgħu vittma ta' serq jew attakk, jew li l-vandaliżmu jew il-kriminalità huma problema serja fil-belt jew villaġġ tagħhom.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Il-provvista ta' linji gwida li jiżguraw is-sigurtà fid-dar bħala mitigazzjoni kontra l-abbuż tal-mediċini u l-possibbiltà ta' waqgħat, stairs negotiation, avvelenament bil-monossidu tal-karbonju, tismit u ħruq, u ipotermja.** | • Is-sit ċentrali għall-anzjanità attiva ser jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-anzjani u l-familjari tagħhom dwar kif jiżguraw li d-djar tagħhom isiru siguri.<br>• Iż-żieda fil-programmi taż-żjarat fid-djar.<br>• L-introduzzjoni ta' miżuri dwar l-użu sigur tal-mediċina. |
| **L-iżgurar tas-sigurtà barra permezz tal-garanzija ta' passaġġi li huma aċċessibbli u ma jiżolqux, ħafna dell, u l-iżvilupp ta' standards fil-qasam tad-disinn tat-toroq favur l-età.** | • It-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju fl-ispazju pubbliku.<br>• It-titjib tas-sigurtà tal-ispazji pubbliċi. |

**Tema 2.5**

# Il-Benesseri mentali

## Is-saħħa u l-benesseri mentali huma importanti fl-anzjanità daqs kemm fi kwalunkwe żmien ieħor fil-ħajja. Madankollu, il-problemi tas-saħħa mentali mhumiex daqstant identifikati mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-anzjani nfushom, u l-istigma madwar dawn il-kundizzjonijiet iżżomm lin-nies lura milli jfittxu l-għajnuna.

Filwaqt li l-anzjani jafu jesperjenzaw fatturi ta' stress tal-ħajja li huma l-istess għan-nies kollha, huma jesperjenzaw ukoll fatturi ta' stress li huma iktar komuni fl-anzjanità bħall-mobilità mnaqqsa, uġigħ kroniku, fraġilità jew problemi tas-saħħa oħra, li jirrikjedu xi forma ta' kura fit-tul, u tendenza ogħla li jesperjenzaw luttu jew xi tnaqqis fl-istatus soċjoekonomiku tagħhom mal-irtirar. Dawn il-fatturi ta' stress kollha jistgħu jirriżultaw fl-iżolament, fis-solitudni jew fi dwejjaq psikoloġiku fl-anzjani, li jaf jirrikjedi kura fit-tul.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **It-tisħiħ ta' tmexxija effettiva fis-saħħa mentali, kif ukoll il-provvista ta' servizzi tal-kura tas-saħħa li huma komprensivi, integrati u risponsivi f'settings ibbażati fil-komunità.** | • Ir-reviżjoni tal-provvista tas-servizzi attwali fil-komunità u t-twettiq ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet.<br>• L-organizzazzjoni ta' sessjonijiet fi grupp fil-komunità u fid-djar residenzjali.<br>• L-appoġġ lill-anzjani biex jaċċettaw xi telfa ta' persuna oħra permezz tas-servizzi terapewtiċi. |
| **L-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-promozzjoni u l-prevenzjoni fis-saħħa mentali, flimkien mat-tisħiħ tas-sistemi tal-informazzjoni, evidenza u riċerka għas-saħħa mentali għall-anzjani.** | • L-aġġornament tas-sit ċentrali għall-anzjanità attiva biex jinkludi materjal edukattiv dwar kif tagħraf meta għandek bżonn tfittex l-għajnuna.<br>• L-aġġornament tas-sit ċentrali għall-anzjanità attiva biex jinkludi dettalji ta' kuntatt tas-servizzi u/jew tal-professjonisti disponibbli.<br>• Il-kollaborazzjoni ma' partijiet interessati biex jitqajjem għarfien u ssir riċerka.<br>• L-organizzazzjoni ta' sessjonijiet u workshops informattivi għat-tobba biex jitgħallmu jagħrfu kwistjonijiet ta' saħħa mentali fl-anzjanità. |

Tema 2.6

# It-Tranżizzjoni lejn l-irtirar

## L-irtirar mill-ħajja tax-xogħol hu l-mument speċifiku meta l-ħaddiema jibdew jippjanaw attivitajiet minn qabel, matul perjodu mifhum bħala 't-tranżizzjoni lejn l-irtirar'.

Kwalunkwe attività ta' wara l-irtirar hija dipendenti fuq l-esperjenzi personali, u filwaqt li hemm ħafna diskussjonijiet dwar l-influwenzi tal-attività fiżika, hemm biss ftit dibattitu dwar l-imġiba sedentarja f'din it-tranżizzjoni lejn l-irtirar. Ir-riċerka turi li l-assistenza lil persuni biex jidħlu f'rutina li ma tinkludix biss attività fiżika iżda wkoll tnaqqas l-attività sedentarja hi neċessarja għall-promozzjoni tal-anzjanità f'saħħitha. It-tibdil pożittiv fl-imġiba jrid jibda matul it-tranżizzjoni lejn l-irtirar, bil-ħsieb li l-proċess tal-irtirar jibda kmieni meta n-nies ikunu qed jaħsbu dwar l-irtirar tagħhom. Din l-imġiba tajba għas-saħħa normalment ma tingħatax prijorità minn dawk il-persuni li qed jgħixu f'din it-tranżizzjoni, u madankollu, bidliet fil-mudelli tal-attività fiżika u tal-imġiba sedentarja huma konnessi b'mod intimu mas-saħħa u l-benesseri wara l-irtirar.

It-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar hi punt ewlieni fil-ħajja tan-nies. Għal bosta, din mhix għażla volontarja, u anke jekk hi, tkun ġeneralment qabża fid-dlam. Kuntrarjament għall-immaġni prevalenti tal-anzjani jgawdu l-ħajja kif jistħoqqilhom wara li jieqfu jaħdmu, għal bosta koppji anzjani, l-ewwel ftit xhur, anke snin, tal-irtirar huma tranżizzjoni stressanti. Il-bidla mill-impjieg full-time għal stat ta' għajxien iktar rilassat, flimkien maż-żieda tas-sigħat imqatta' mal-konjuġi jew sieħeb/sieħba, jaf ikollha impatt negattiv fuq il-benesseri fiżiku, ekonomiku, emozzjonali u soċjali tal-anzjan. Għall-mitigazzjoni ta' tali possibbiltajiet, hemm il-bżonn urġenti għall-qawmien mill-ġdid tal-programmi tal-ippjanar qabel l-irtirar. Tali inizjattiva tgħin sabiex tipprovdi riżultati pożittivi għall-anzjani kemm waqt kif ukoll wara t-tranżizzjoni lejn l-irtirar billi jkollhom livelli aħjar ta' saħħa, sodisfazzjon u relazzjonijiet taż-żwieġ fl-anzjanità.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Gwida għall-persuni sabiex, waqt u wara it-tranżizzjoni lejn l-irtirar tagħhom, jifhmu l-implikazzjonijiet ta' stil ta' ħajja ta' anzjanità attiva.** | • L-organizzazzjoni ta' programm nazzjonali għat-tagħlim qabel l-irtirar li jippermetti lill-ħaddiema u lill-anzjani biex jagħmlu t-tranżizzjoni mill-impjieg għall-irtirar b'suċċess.<br>• Il-ħolqien ta' kampanji li jżidu l-għarfien dwar il-modi kif l-anzjani jistgħu jkollhom stili ta' ħajja ta' anzjanità attiva wara li huma jew is-sieħeb/sieħba tagħhom jirtiraw. |
| **L-għoti ta' appoġġ lin-nies waqt it-tranżizzjoni lejn l-irtirar biex jadottaw stil ta' ħajja tal-anzjanità f'saħħitha.** | • L-għoti lil min iħaddem ta' pariri esperti u linji gwida dwar kif jappoġġjaw lill-impjegati u lill-konjuġi jew imsieħba tagħhom waqt it-tranżizzjoni mill-impjieg lejn l-irtirar. |

**Tema 2.7**

# Il-Kura fil-komunità

## Il-firxa tas-servizzi tal-kura fil-komunità għall-anzjani f'Malta ssaħħet ħafna fis-snin reċenti. Is-suċċess ta' tali inizjattivi politiċi hu ċar mit-tnaqqis fin-numru ta' anzjani li jfittxu l-kura fir-residenzi fit-tul.

L-istadju li jmiss hu li l-kura fil-komunità tiddaħħal fil-qasam tal-anzjanità attiva permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġiji ewlenin għall-kura personali, għajnuna reċiproka u awtopromozzjoni li jwasslu għall-adozzjoni u ż-żamma ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa. Dan jimplika tranżizzjoni minn pożizzjoni ta' tmexxija tal-kura fil-komunità minn fuq għal 'l isfel għal mudell ta' 'empowerment' li jidentifika l-anzjani bħala sors ta' kapital soċjali għall-maturità, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħhom stess. Konsegwentement, kemm l-anzjani f'saħħithom kif ukoll dawk li huma fraġli ser jiksbu dak il-livell ottimu ta' emanċipazzjoni, indipendenza, dinjità u awtonomija li ħafna jixtiequ.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-implimentazzjoni ta' sett ta' standards minimi għal servizzi bbażati fuq il-komunità biex itejbu l-kwalità tal-ħajja ta' min jirċievi l-kura u min jagħtiha, u biex jikkontribwixxi għal iktar reżiljenza fis-soċjetà.** | • Għandha ssir riċerka dwar l-istandard tas-servizzi u kif dan jista' jittejjeb.<br>• Iż-żieda fis-servizzi tal-kura palljativa. |
| **Il-provvista ta' servizzi fil-komunità għandha tikkunsidra l-bżonnijiet psikosoċjali tal-anzjani, bħall-parteċipazzjoni f'attivitajiet sinifikanti, bħala parti mill-evalwazzjoni tal-kura olistika.** | • L-evalwazzjoni mill-ġdid tas-servizzi bbażati fuq il-komunità: sabiex jinkludu t-twessigħ u l-ispeċjalizzazzjoni tas-servizzi offruti. |

Tema 2.8

# Il-Kura fir-residenzi fit-tul

Il-kura fir-residenzi fit-tul għall-anzjani f'Malta esperjenzat regolamentazzjoni konsiderevolment dettaljata u l-Gvern anke stabbilixxa l-Awtorità tal-Istandards għall-Kura Soċjali biex tissorvelja, timmonitorja u tispezzjoni d-djar u l-faċilitajiet kollha tal-kura.

Madankollu, l-kura ta' kwalità ma tistax tintlaħaq biss permezz tal-ispezzjoni u r-regolamentazzjoni, u r-responsabbiltà għall-iżgurar tal-għajxien b'dinjità f'tali djar u faċilitajiet hi tal-professjonisti, tal-persunal tal-kliniċi, tal-maniġers u tar-residenti. L-ethos dwar l-anzjanità attiva jippromwovi l-qsim totali tar-responsabbiltajiet bejn in-nies kollha involuti f'tali settings sabiex kulħadd ikun involut fil-kura tal-anzjani u jħossuhom responsabbli personalment għall-promozzjoni tal-kura dinjituża. L-għajxien b'dinjità jirrikjedi li r-residenti jkunu perċepiti bħala individwi, u mhux iddefiniti mill-fraġilità jew mill-mard tagħhom.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **It-titjib tal-kwalità tal-proċess fil-kura fit-tul permezz tal-iżgurar ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-drittijiet tar-residenti, is-sigurtà tal-bini, u l-istabbiliment ta' kumitat għall-assigurazzjoni tal-kwalità.** | • Il-ħolqien ta' provvista ta' assistenza tas-servizz b'informazzjoni u servizzi ta' riferiment.<br>• L-iżgurar li r-residenti huma involuti fil-ħolqien tal-pjan għall-kura tagħhom.<br>• It-tkomplija u s-sorveljanza tar-restawr tad-djar residenzjali.<br>• L-introduzzjoni ta' sistema kompjuterizzata ċentrali għall-impjegati li jaħdmu fid-dar għall-kura u għar-residenti. |
| **Ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' forza tax-xogħol edukata u tas-sengħa permezz tat-titjib tal-kwalifikazzjoni tal-maniġers tal-kura, professjonisti soċjali u tas-saħħa, ħaddiema fil-kura, u persunal awżiljarju.** | • Il-persunal reklutat irid ikollu l-kwalifiki neċessarji.<br>• L-iżgurar ta' taħriġ u superviżjoni kontinwi għall-membri tal-persunal. |

Tema 2.9

# In-nutrizzjoni għall-anzjanità f'saħħitha

Filwaqt li n-nutrizzjoni ta' benefiċċju matul il-ħajja kollha tgħin kontra l-mard kroniku, qatt mhu tard wisq fil-ħajja biex wieħed itejjeb in-nutrizzjoni tiegħu biex jgħin l-anzjanità f'saħħitha. Jekk jieklu ikel mimli nutrijenti, flimkien ma' stil ta' ħajja attiva, l-anzjani jnaqqsu r-riskju li jesperjenzaw mard kroniku bħall-mard tal-qalb u l-kanċer, u kundizzjonijiet oħra tas-saħħa relatati mal-kambjamenti fil-massa tal-muskoli u tal-għadam, bħall-osteoporożi.

Fil-kuntest tat-tnaqqis tal-livelli dejjem jiżdiedu tal-obeżità fost l-anzjani, wieħed għandu jsib u jżomm il-piż adegwat tal-persuna permezz tal-konsum tal-ħaxix u tal-frott li m'għandux ħafna zokkor, u l-konsum iktar baxx ta' xaħam saturat u tal-annimali u tal-melħ. Hu importanti wkoll li l-politiki jindirizzaw il-kwistjonijiet diffiċli bħall-vizzju tan-nikotina, l-alkoħol, u b'mod ġenerali, tad-drogi narkotiċi fl-anzjanità. Il-waqfien mit-tipjip għandu konsegwenzi tajbin ħafna fir-rigward tal-anzjanità f'saħħitha u jibqa' wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-politika dwar it-titjib tas-saħħa fl-anzjanità.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-edukazzjoni tal-anzjani dwar l-importanza tal-ikel tajjeb għas-saħħa.** | • L-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' informazzjoni għat-tagħlim għall-anzjani dwar il-benefiċċji ta' dieta tajba għas-saħħa, allerġiji għall-ikel, malnutrizzjoni, dijabete u obeżità, nutrizzjoni u dimenzja, u l-immaniġġjar sikur tal-ikel.<br>• L-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel tajjeb għas-saħħa fuq is-sit ċentrali u d-distribuzzjoni tal-fuljetti lill-anzjani li jgħixu fil-komunità. |
| **L-iżgurar li djar għall-kura tal-anzjani u faċilitajiet għall-kura fit-tul isegwu aġenda għal dieta tajba għas-saħħa fil-preparazzjoni tal-ikel tagħhom.** | • It-twettiq ta' verifika tad-djar tal-kura u l-faċilitajiet għall-kura fit-tul għall-evalwazzjoni ta' kemm ir-residenti huma pprovduti b'ikel suffiċjenti u ta' kwalità għolja u l-kura tan-nutrizzjoni. |
| **L-edukazzjoni tal-anzjani dwar il-kwistjonijiet diffiċli tal-vizzju tan-nikotina, l-alkoħol, u b'mod iktar ġenerali, id-drogi narkotiċi.** | • L-għarfien dwar il-ħsara li jagħmlu l-vizzji tan-nikotina, tal-alkoħol u tan-narkotiċi fl-anzjanità.<br>• Il-provvista ta' interventi rilevanti għall-età, minn konsulenza għall-farmakoterapija, lill-anzjani li qed isofru mill-vizzji. |

Tema 2.10

# Il-Kura fl-aħħar tal-ħajja

L-anzjanità tal-popolazzjoni tirriżulta wkoll f'livelli ogħla ta' morbidità u dipendenza ogħla li jafu jirrikjedu kura fl-aħħar tal-ħajja amministrata minn professjonisti tal-kura tas-saħħa lill-anzjani li mhux qed jirrispondu għat-trattament kurattiv.

Il-kura fl-aħħar tal-ħajja ttaffi sintomi bħall-uġigħ filwaqt li tipprovdi appoġġ soċjali, psikoloġiku u spiritwali fl-aħħar ftit jiem jew ġimgħat qabel il-mewt sabiex tipprevjeni riferiment mhux neċessarju għall-isptarijiet. Tirreferi wkoll għad-dritt tal-anzjani li jkunu trattati bħala individwi u bir-rispett, u li jmutu f'ambjenti familjari u fil-kumpanija ta' familjari u ħbieb viċini. Il-kura fl-aħħar tal-ħajja taħseb fil-punt li fil-fażi terminali ta' marda, trattament normali, bħan-nutrizzjoni u idratazzjoni artifiċjali, jafu jsiru sproporzjonati u mhux xierqa. Barra minn hekk, direttivi bil-quddiem jgħinu biex jassistu l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jsolvu kwistjonijiet tal-aħħar tal-ħajja.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Il-provvista ta' appoġġ psikoloġiku lill-persuni li qed jesperjenzaw in-niket.** | • Il-provvista ta' appoġġ psikoloġiku lill-anzjani li tilfu l-konjuġi tagħhom. |
| **Il-provvista ta' appoġġ psikoloġiku lill-persuni li qed jesperjenzaw in-niket.** | • L-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ u workshops għall-professjonisti tas-saħħa li jaħdmu f'ambjenti tal-kura tas-saħħa akuta u faċilitajiet tal-kura fit-tul dwar il-kura fl-aħħar tal-ħajja. |
| **L-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar direttivi bil-quddiem.** | • L-espansjoni tal-'mandat mogħti minn persuna b'antiċipazzjoni tal-inkapaċità tagħha' fil-Kodiċi Ċivili ta' Malta (l-Artikolu 1864A) sabiex dan il-mandat jestendi għad-deċiżjonijiet dwar il-kura tas-saħħa waqt l-inkapaċitazzjoni mentali. |

**Tema 2.11**

# Skrinjar tas-saħħa

L-iskrinjar għall-problemi tas-saħħa hu metodu effettiv għall-identifikazzjoni bikrija ta' kwistjonijiet potenzjali mediċi li għadhom ma ġewx innutati jew li kieku forsi jistgħu faċilment ma jkunux innutati.

Dan jaf inaqqas kumplikazzjonijiet tas-saħħa li jistgħu jiġu evitati u b'hekk itejbu s-saħħa u l-indipendenza totali tal-anzjani. Il-programmi nazzjonali tal-iskrinjar li qed isiru bħalissa jistgħu jitwessgħu sabiex jinkludu b'mod effettiv u jkopru każijiet ta' mard li hu iktar prevalenti fost l-anzjani.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-identifikazzjoni ta' kundizzjonijiet li huma prevalenti fost l-anzjani.** | • L-adozzjoni ta' testijiet li huma kosteffettivi u mhux invażivi għall-iskrinjar tal-kundizzjonijiet identifikati. |
| **L-evalwazzjoni tal-impatt li tali kundizzjonijiet ta' tħassib għandhom fuq il-ħajja tal-anzjani.** | • L-iżvilupp ta' inizjattivi tal-kura tas-saħħa għall-monitoraġġ u t-tnaqqis ta' kumplikazzjonijiet tal-kura tas-saħħa li jistgħu jiġu evitati. |

# GIAI ĐOẠN 03

# L-INDIRIZZAR TAD-DIVERSITÀ U L-INUGWALJANZA

Il-fehma olistika tal-anzjanità fis-soċjetà hi possibbli biss jekk wieħed jagħraf il-kwistjonijiet ta' eteroġeneità u inekwità inerenti. Għalkemm minn naħa hemm korp ta' letteratura wiesa' dwar l-anzjanità u min-naħa l-oħra hemm l-etaiżmu, il-ġeneru, id-diżabilità, is-sesswalità, l-etniċitajiet, l-aċċess għall-ġustizzja u d-dimenzja, il-politika pubblika ġeneralment tara l-anzjanità minn perspettivi omoġenji u normattivi. L-urġenza biex niddistingwu l-anzjani li għadhom ftit żgħar minn dawk li huma proprja anzjani, u bejn dawk tat-tielet età u dawk tar-raba' età, tfisser li d-diversità tal-popolazzjoni li qed tixjieħ kienet injorata u mhux imħarsa.

Pereżempju, l-eterosesswalità tkompli bħala norma assoluta f'politiki tal-anzjanità pożittivi u b'saħħithom, kif ukoll f'prattiki tajbin u standards minimi tal-kura fil-komunità u fit-tul. Nistgħu ngħidu l-istess ħaġa dwar l-etniċità f'politiki dawr l-anzjanità attiva u b'suċċess li ħafna drabi jassumu li l-popolazzjoni fil-mira tgħix f'univers kulturali waħdieni kkaratterizzat minn normi u valuri identiċi. Barra minn hekk, gruppi soċjali mhumiex biss differenti fil-prospetti personali u komunitarji tagħhom iżda wkoll għandhom kapital finanzjarju, kulturali, soċjali u fiżiku iktar baxx minn tas-soltu.

Il-Politika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva titbiegħed minn diskorsi omoġenizzati u narrattivi grandjużi li jagħmlu ġeneralizzazzjonijiet dwar ix-xjuħija bbażati fuq is-sens komun. Tagħraf is-sinifikat tal-intersezzjonalità permezz tal-enfasi fuq in-natura mibnija b'mod reċiproku tad-diviżjoni soċjali u l-mod kif dawn huma esperjenzati, riprodotti u milqugħa b'reżistenza fil-ħajja ta' kuljum, u tinstiga direttivi tal-politika li għandhom il-potenzjal li jtejbu l-benesseri tal-anzjani subalterni. Meta tagħmel dan, il-Politika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva tkun qed issostni li l-parteċipazzjoni soċjali u politika u l-aċċess għall-ġustizzja mhumiex negozzjabbli u jridu jkunu dejjem hemm, sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jgawdu l-ugwaljanza tar-riżorsi, ir-rikonoxximent u r-rappreżentazzjoni.

Tema 3.1

# L-Etaiżmu u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età

Għaddew ħafna snin minn mindu Robert Butler semma t-terminu 'etaiżmu' fl-1968 biex jirreferi għall-isterjotipar sistematiku ta' u d-diskriminazzjoni kontra persuni sempliċiment għaliex huma anzjani.

Madankollu, s'issa ħafna mill-istudjużi jkomplu jiddokumentaw il-ħafna okkorrenzi tal-etaiżmu. L-impatt tal-etaiżmu jolqot kemm il-ħajja personali tal-anzjani kif ukoll l-isferi istituzzjonali tal-forza tax-xogħol u s-servizzi tal-kura tas-saħħa. Peress li l-etaiżmu jikkostitwixxi avveniment maħluq mis-soċjetà, hemm bżonn ta' azzjonijiet li jnaqqsu l-attitudnijiet negattivi u jikkontestaw l-isterjotipi negattivi marbuta mal-anzjani bħal li huma inkapaċi, infantili, asesswali, rashom iebsa, iffissati fihom infushom, depressi, fraġli, u illiterati diġitalment. Problema oħra hi li l-anzjani nfushom għanhom attitudnijiet u jagħmlu assunzjonijiet li huma diskriminatorji kontra l-età fuqhom infushom u fuq sħabhom tal-istess età. Huwa iktar probabbli li l-anzjani jxerrdu sterjotipi diskriminatorji dwar l-età milli sħabhom iżgħar, jew li jitolbu maħfra għall-insuffiċjenzi tagħhom relatati mal-età, anke jekk jafu wisq aħjar kemm dawn l-isterjotipi ma jagħtux stampa ċara tagħhom u jwaqquhom għaċ-ċajt. Mingħajr dubju, il-miżuri tal-politika u legali huma wkoll essenzjali għall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u għall-protezzjoni tal-anzjani f'oqsma fejn tipikament ikun hemm l-etaiżmu. Fl-istess ħin, il-COVID-19 mhux biss kellu forza distruttiva fuq il-ħajja ta' bosta anzjani, iżda wkoll espona l-esperjenza ta' sterjotipi u preġudizzji b'saħħithom li huma diskriminatorji abbażi tal-età fir-rigward tas-setturi l-iktar vulnerabbli tal-popolazzjoni anzjana.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-iżvilupp ta' programmi interġenerazzjonali li jinkludu kuntatt pożittiv mal-anzjani fejn hemm kooperazzjoni mill-partijiet kollha li qed jaħdmu għal għan komuni.** | • It-tnedija ta' kampanja tal-informazzjoni.<br>• Il-ħolqien ta' ċentru għar-rappurtaġġ tal-abbuż u servizz għall-appoġġ tal-vittmi għall-anzjani. |
| **L-iżgurar ta' edukazzjoni adegwata dwar l-anzjanità fl-iskejjel primarji u sekondarji, u istituzzjonijiet postsekondarji u terzjarji, li jinvolvu interazzjonijiet prattiċi mal-anzjani.** | • L-inklużjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-anzjanità f'kurrikuli u l-enfasi fuq it-tagħlim interġenerazzjonali. |
| **L-edukazzjoni tal-professjonisti u tal-ħaddiema kollha dwar l-ereżiji dwar l-anzjanità għax hu essenzjali li l-preġudizzju u l-isterjotipi dwar l-anzjanità ma jrabbu l-għeruq fl-ebda servizz okkupazzjonali.** | • L-edukazzjoni dwar kif tagħraf l-etaiżmu permezz tal-kampanji tal-midja. Il-materjal edukattiv għandu jinkludi wkoll liema azzjonijiet għandu jieħu xi ħadd li jħossu diskriminat minħabba l-età. |
| **L-indirizzar tad-dgħufijiet fil-politiki u istituzzjonali, fir-rigward tal-etaiżmu u tad-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani, li kienu esposti mill-pandemija.** | • Strateġiji ta' wara l-COVID-19 dwar l-anzjanità attiva għandhom jinkludu azzjoni affermattiva lejn is-setturi vulnerabbli tal-anzjani li huma illitterati diġitalment, fir-riskju tal-faqar, jgħixu bid-dimenzja, u jgħixu f'faċilitajiet tal-kura fit-tul. |

Tema 3.2

# Il-Ġeneru

Il-ġeneru hu determinant ewlieni tal-esperjenzi u t-trajettorji tul il-ħajja kollha. L-anzjani nisa nstabu li huma iktar vulnerabbli għar-riskju milli l-anzjani rġiel hekk kif jirrappurtaw rati ogħla ta' morbidità, diżabilità, sens ta' ansjetà u biża' mill-anzjanità, grad ta' skumdità bl-apparenza fiżika u funzjonament fiżiku, u esklużjoni soċjali.

L-anzjani nisa għandhom ukoll riskju ogħla li jesperjenzaw stili ta' ħajja li jpoġġuhom f'riskju ta' faqar meta mqabbla ma' anzjani rġiel minħabba l-lakuni fil-pagi u l-pensjoni bbażati fuq il-ġeneru li jwasslu lin-nisa biex jilħqu l-anzjanità b'ammonti relattivament iktar baxxi ta' tfaddil u pensjonijiet. Madankollu, dan mhux l-istess bħal li wieħed jgħid li l-anzjani rġiel jikkostitwixxu ġerontokrazija privileġġjata. L-anzjani rġiel spiss għandhom networks soċjali inqas stabbiliti min-nisa, u għaldaqstant, għandhom riskju ikbar li jesperjenzaw iżolament u esklużjoni soċjali. Is-sistemi ta' benesseri rari jempatizzaw mal-bżonnijiet ta' min jieħu ħsieb l-anzjani rġiel u l-attenzjoni rari tingħata lill-bżonnijiet uniċi tal-anzjani rġiel li qed jesperjenzaw il-vjolenza domestika u jagħmlu ħsara lilhom infushom permezz tal-abbuż tas-sustanzi bħall-alkoħol. Strateġija għall-anzjanità attiva b'hekk għandha tissejjes fuq approċċ li jenfasizza l-ġeneru li hu sensittiv għall-interrelazzjoni bejn il-ġeneru u l-aspetti differenti ta' 'li tixjieħ b'mod tajjeb' minn perspettivi ekonomiċi, kulturali u politiċi.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Il-mitigazzjoni tar-riskji tal-inugwaljanzi tal-ġeneru tul il-ħajja kollha li jirriżultaw fil-faqar tan-nisa anzjani u f'diskrepanzi fil-pensjonijiet bejn is-sessi billi jiżguraw livelli adegwati tas-sigurtà tad-dħul għan-nisa anzjani.** | • L-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-leġiżlazzjoni, fil-politiki u fil-pjanijiet ta' azzjoni kollha relatati mal-anzjanità, u l-inklużjoni ta' miżuri u indikaturi speċifiċi biex jindirizzaw l-isfidi u l-bżonnijiet differenti tal-anzjani nisa.<br><br>• L-iżgurar ta' parteċipazzjoni sistematika, sinifikanti u effettiva tal-anzjani nisa fid-djalogi tal-politika kif ukoll fil-ħajja politika, ċivili, ekonomika, soċjali u kulturali. |
| **Il-mitigazzjoni kontra t-tendenza tal-anzjani rġiel li jesperjenzaw diffikultajiet biex ifittxu l-għajnuna u jitkellmu dwar is-solitudni minħabba perċezzjonijiet negattivi dwar it-tbatija emozzjonali, u l-biża' ta' stigma u mistħija.** | • L-iżgurar li l-fornituri tas-servizz jippermettu l-possibbiltà ta' gruppi magħmula minn irġiel biss u spazji għal laqgħat f'postijiet għall-anzjanità attiva għax hu iktar faċli biex anzjani rġiel jiftħu qalbhom u jiżviluppaw ħbiberiji f'ambjenti fejn ikun hemm irġiel biss.<br><br>• Ċentri għall-anzjanità attiva għandhom jinkludu attivitajiet prattiċi, ibbażati fuq il-ħiliet - bħax-xogħol tal-injam, snajja' bl-idejn u ġardinaġġ. |

Tema 3.3

# Anzjani leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri, intersesswali u queer

## L-esperjenza tal-anzjani leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri, intersesswali u queer (LGBTIQ+) tibqa' ma tingħatax importanza fil-politiki nazzjonali dwar l-anzjanità attiva.

Tabilħaqq, il-fehim 'mainstream' tal-anzjanità attiva jeżisti fi ħdan qafas eteronormattiv - għaldaqstant, dan iwassal għal assenza fil-fehim tal-politika soċjali u l-istudju dwar l-anzjani LGBTIQ+. Madankollu, il-politiki pubbliċi dwar l-anzjanità li ma jinkludux anzjanità li mhix eterosesswali ser inevitabbilment jagħtu biss stampa mhux sħiħa tal-esperjenza tal-anzjanità. Din il-Politika Strateġika Nazzjonali tappoġġja politika tal-anzjanità attiva favur l-LGBTIQ+ sabiex ittaffi kontra d-deprivazzjoni tagħhom ta' rappreżentazzjoni, rikonoxximent u riżorsi li jwasslu għal provvista tal-kura soċjali u tas-saħħa mhux ugwali għal persuni LGBTIQ+.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
| --- | --- |
| **Il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma nazzjonali biex jistudja l-isfidi differenti fil-kura soċjali u tas-saħħa esperjenzati mill-popolazzjoni LGBTIQ+.** | • L-inklużjoni ta' espert dwar l-anzjanità LGBTIQ+ fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva.<br>• Il-kollaborazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv LGBTIQ+ għall-iżgurar li d-drittijiet u l-bżonnijiet tal-anzjani LGBTIQ+ ikunu rappreżentati u mħarsa rispettivament. |
| **L-iżgurar li servizzi tal-kura huma mhux biss inklussivi tal-LGBTIQ+ iżda wkoll imsejsa fuq servizzi legali li jissalvagwardjaw il-klijenti mid-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru.** | • L-introduzzjoni/inklużjoni ta' skala ta' tolleranza għall-evalwazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura dwar l-inklussività tal-LGBTIQ+.<br>• L-għoti ta' taħriġ lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa, u lill-fornituri tas-servizzi soċjali u legali, biex ikunu sensittivi lejn il-kultura u jkollhom għarfien dwar l-istorja tad-diskriminazzjoni u l-bżonnijiet uniċi tal-anzjani LGBTIQ+.<br>• Il-fornituri tas-servizzi għandhom ikunu mgħallma biex ikollhom prattiki kontra l-oppressjoni u li jirrikonoxxu strutturi alternattivi tal-familja. |

Tema 3.4

# Id-djar u l-akkomodazzjoni

L-anzjani f'Malta rari jbiddlu l-akkomodazzjoni. Fatturi li jġegħluhom ibiddlu l-akkomodazzjoni jinkludu meta jgħixu f'dar ikbar milli għandhom bżonn, meta jgħixu f'residenza f'kundizzjoni ħażina, meta l-proprjetà thedded l-indipendenza tagħhom, stairs negotiation, u forsi l-iktar importanti minnhom kollha, meta ma jkollhomx aċċess faċli għall-ħwienet, għat-trasport pubbliku, għall-postijiet tal-qima, u kumditajiet utli oħra.

Teżisti lakuna fil-qasam tal-akkomodazzjoni f'Malta għax m'hemmx għażliet tan-nofs bejn il-possibbiltà li tgħix indipendenti fil-komunità u l-kura residenzjali fit-tul. Il-Politika Strateġika Nazzjonali titkellem dwar il-ħtieġa ta' akkomodazzjoni alternattiva, li tagħmilha iktar faċli għall-anzjani biex jgħixu indipendenti kemm jista' jkun, filwaqt li tagħtihom aċċess mhux limitat għal żjarat minn qraba u ħbieb, xi ħaġa li mhix possibbli fid-djar tal-kura u faċilitajiet tal-kura fit-tul. Din l-Istrateġija hi wkoll konxja tal-fatt li numru dejjem qed jikber ta' persuni qed jispiċċaw bla dar iktar tard f'ħajjithom.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **It-tkomplija tal-offerta ta' programmi li jgħinu lill-anzjani biex jagħmlu l-proprjetajiet tagħhom 'favur l-età' (pereżempju tisħin adegwat, kmamar tal-banju ddisinjati sew, eċċ.).** | • L-introduzzjoni ta' servizz ta' konsulenza għall-evalwazzjoni tad-djar u pariri dwar kif jistgħu jsiru iktar sikuri u aċċessibbli.<br><br>• Il-provvista ta' assistenza finanzjarja lill-anzjani li jkollhom jagħmlu ċerti modifiki fid-dar tagħhom minħabba mobilità mnaqqsa.<br><br>• Il-tkomplija ta' skemi tal-appoġġ immirat biex jgħin l-aċċess għall-apparat li jgħin il-mobilità bħal sodod, paranki u lifters speċjalizzati. |
| **Il-konsiderazzjonijiet tar-realtajiet ta' anzjani f'Malta li m'għandhomx dar.** | • It-twettiq ta' riċerka sabiex ikun hemm għarfien dwar ir-realtà ta' persuni li qed jispiċċaw bla dar iktar tard f'ħajjithom.<br><br>• Ir-reviżjoni tal-kriterji ta' eliġibilità li jeżistu għall-aċċess ta' benefiċċji residenzjali disponibbli. |
| **Il-bidu ta' xogħol fuq l-għoti ta' għażliet ta' akkomodazzjoni 'intermedja'.** | • Il-bidu ta' proġett għal akkomodazzjoni protetta għall-anzjani. Dan jipprovdi alternattiva għal dawk il-persuni li jixtiequ jkomplu jgħixu fil-komunità b'xi sigurtà addizzjonali. |

**Thema 3.5**

# L-Etniċità

## Il-flussi migratorji kbar kemm fl-Ewropa kif ukoll f'pajjiżi terzi fl-aħħar snin jimplikaw li l-etniċità u r-razza ser isiru kategoriji dejjem iktar saljenti fl-anzjanità tas-soċjetà fil-futur qarib.

Hemm korp internazzjonali ta' letteratura dwar kif gruppi etniċi differenti huma differenti minn xulxin fir-rigward ta' mudelli ta' anzjanità produttiva, attiva u b'suċċess. Ħafna studji ssottolinjaw kif statusijiet ta' etniċità u ta' immigranti joħolqu żvantaġġi selettivi u inugwalzjanza, hekk kif il-persuni anzjani etniċi jsofru minn esklużjoni soċjali u materjali, b'saħħithom aktar ħażina, u jesperjenza kwalità tal-ħajja ifqar meta mqabbla ma' sħabhom fil-komunità li qed tospitahom. Din il-Politika Strateġika Nazzjonali hi favur sensittività lejn status etniku divers fl-ippjanar u fil-koordinazzjoni ta' servizzi ta' kura għall-anzjani.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-implimentazzjoni ta' servizzi li huma adegwati kulturalment u lingwistikament li jippromwovu l-ugwaljanza fis-saħħa u jeliminaw id-disparitajiet fil-kura tas-saħħa iktar tard fil-ħajja irrispettivament mill-isfond etniku.** | • Is-sensittività kulturali u lingwistika għandha tkun stabbilita bħala standard u mmonitorjata kontinwament. Il-fokus għandu jinkludi wkoll l-għarfien fost l-anzjani.<br>• L-iżgurar tas-servizzi ta' kura fil-komunità u fit-tul għall-anzjani huma sensittivi għan-normi u l-valuri etniċi diversi. |
| **It-taħriġ ta' professjonisti u ħaddiema f'kompetenza kulturali li hi l-kapaċità li tirrikonoxxi twemmin, valuri u attitudnijiet kulturali f'popolazzjonijiet diversi fis-servizzi tal-kura kollha.** | • L-organizzazzjoni ta' kura kulturalment adegwata lill-membri tal-persunal kollha. |

**Tema 3.6**

# L-abbuż u t-trattament ħażin

L-abbuż kontra l-anzjani hu problema kemm globali kif ukoll nazzjonali. Dan kien indirizzat fl-ewwel Politika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva f'Malta.

Madankollu, tibqa' relattivament mistura meta mqabbla ma' politiki oħra dwar it-trattament ħażin bħall-vjolenza domestika, id-diskors ta' mibegħda u l-abbuż tat-tfal. Filwaqt li wieħed isib livelli aħjar ta' għarfien dwar l-abbuż kontra l-anzjani f'Malta, sakemm ikun hemm konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani, il-professjoni legali u l-prosekuturi pubbliċi jkollhom jiddependu fuq il-varji drittijiet li jinstabu prinċipalment fil-*Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi* (Nazzjonijiet Uniti, 1966a) u l-*Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità* (Nazzjonijiet Uniti, 2006). Il-qrati ġudizzjarji għandhom responsabbiltà ewlenija u primarja mhux biss biex jgħarfu u jirrispondu għall-abbuż kontra l-anzjani iżda wkoll għall-prevenzjoni tiegħu.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
| --- | --- |
| **L-obbligu tal-professjonisti li jiġu f'kuntatt ma' anzjani biex jirrappurtaw suspetti ta' abbuż li jista' jkollhom, mingħajr ma jiffaċċjaw prosekuzzjoni jekk is-suspett tagħhom ma jkunx fondat.** | • Għandu jingħata taħriġ lill-professjonisti biex jitgħallmu kif għandhom jgħarfu l-abbuż kontra l-anzjani u jirrappurtawh. |
| **L-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ rigorużi fl-oqsma kollha tal-benesseri tal-anzjanità għall-iffaċilitar tal-identifikazzjoni effettiva u l-prevenzjoni tal-abbuż u l-implimentazzjoni ta' rispons adegwat.** | • Is-sit ċentrali għall-anzjanità attiva għandu jinkludi metodu ċar għar-rappurtaġġ tal-abbuż kontra l-anzjani.<br>• It-tnedija ta' kampanji ta' għarfien immirati lejn il-pubbliku ġenerali. |

Tema 3.7

# L-aċċess għall-ġustizzja

Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem jirrikjedi l-assigurazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja. Kif jingħad fil-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjiħ (Nazzjonijiet Uniti, 2002), il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem tobbliga lill-gvernijiet li jiżguraw li kwalunkwe persuna li ssofri ksur tad-drittijiet tagħha għandha aċċess għal rimedju adegwat, f'konformità mad-drittijiet usa' tal-ugwaljanza u d-dritt għal smigħ xieraq.

Bħal gruppi vulnerabbli oħra, ħafna anzjani jesperjenzaw firxa ta' ostakli sabiex jaċċessaw il-ġustizzja minħabba fatturi finanzjarji, ġeografiċi, kulturali, tas-saħħa u oħrajn, u speċjalment fejn numru ta' fatturi jeżistu flimkien. Tali impedimenti potenzjali għall-aċċess għall-ġustizzja jfisser li ċerti vjolazzjonijiet esperjenzati minn anzjani bħall-abbuż kontra l-anzjani u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età jkomplu jseħħu mingħajr il-possibilità ta' rimedju.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **L-iżgurar li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għall-anzjani tkun akkumpanjata minn proċessi ta' infurzar u miżuri ta' rimedju.** | • Id-diskussjoni dwar l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni għal dan l-għan ma' partijiet interessati adegwati.<br><br>• L-aġġornament tas-sit għall-anzjanità attiva sabiex l-anzjani jinfurmaw ruħhom dwar id-drittijiet tagħhom u b'liema mezzi jistgħu jaċċessaw l-għajnuna legali kif/fejn neċessarju. |
| **It-tneħħija ta' barrieri soċjokulturali, fiżiċi, u ekonomiċi għall-aċċess tal-ġustizzja sabiex l-anzjani jkollhom aċċess għal rimedju adegwat u d-dritt għal smigħ xieraq.** | • L-għarfien dwar id-disponibbiltà ta' servizzi legali b'xejn u aċċessibbli. |

Tema 3.8

# L-anzjanità f'faċilitajiet korrettivi

## Iż-żieda fin-numru ta' anzjani f'diversi faċilitajiet korrettivi hi kkunsidrata bħala 'kriżi tal-anzjanità' li qed toħloq sfida urġenti għal politika verament inklussiva għall-anzjanità attiva.

Ħafna individwi f'faċilitajiet korrettivi jesperjenzaw kundizzjonijiet fiżiċi u/jew mentali kroniċi multipli u diżabilitajiet fiżiċi f'etajiet relattivament iżgħar. Ħafna jkunu esperjenzaw stress u/jew trawma profonda matul ħajjithom, storja ta' użu tas-sustanzi, u aċċess limitat għall-kura tas-saħħa u edukazzjoni ta' kwalità. Dan il-grad għoli ta' kumplessità soċjali u medika minn żmien bikri hu ta' spss riferut bħala 'anzjanità aċċellerata'. Għaldaqstant hemm bżonn urġenti għad-diskussjoni tal-bżonnijiet istituzzjonali, legali, u soċjali u tal-kura tas-saħħa għall-anzjani f'detenzjoni, u l-approċċi (jekk xejn) li ċerti faċilitajiet korrettivi ħadu biex jissodisfaw dawn il-bżonnijiet.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Il-bidu ta' evalwazzjonijiet ġerontoloġiċi u ġerjatriċi ta' residenti f'faċilitajiet korrettivi fl-età ta' 55 sena għall-iżvilupp ta' mudell ta' kura bbażat fuq tim, partikolarment għal dawn b'multimorbidità.** | • Il-kapaċità fiżika tar-residenti anzjani għandha tkun evalwata sabiex ikun determinat jekk humiex kapaċi jwettqu l-kompiti assenjati lilhom.<br><br>• Qabel ma jkunu rilaxxati, ir-residenti għandhom ifasslu pjan ta' rilaxx li jinkludi affarijiet bħal x'medikazzjoni għandhom bżonn, appuntamenti tas-saħħa għal wara r-rilaxx u kopji tar-rekords tas-saħħa tagħhom. |
| **Il-provvista ta' kura adegwata għal residenti anzjani.** | • Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jiġu kkonsultati minn Faċilità Korrettiva jistgħu, wara evalwazzjoni dovuta, jirrakkomandaw li resident ikun riferut għal unità speċjalizzata fi ħdan faċilità korrettiva residenzjali għall-kura fit-tul. |

Tema 3.9

# L-anzjanità b'diżabilità

Il-politiki pubbliċi dwar l-anzjanità ġeneralment jiffokaw fuq anzjani li jkollhom insuffiċjenzi ta' varji tipi matul l-anzjanità tagħhom. Hemm nuqqas ta' interess dwar nies li jkollhom insuffiċjenzi jew mard kroniku mat-twelid jew iktar tard fil-ħajja.

Anke jekk hemm similaritajiet bejn dawn iż-żewġ gruppi, dak tal-ewwel għandu wkoll esperjenzi uniċi mfassla minn ħajja sħiħa b'diżabilità. Il-politika tal-anzjanità attiva tirrikjedi għarfien tal-fatt li l-għajxien b'diżabilità ma jiħux forma waħda biss iżda diversi għamliet li jiddependu mill-età meta tibda din id-diżabilità, kemm wieħed idum bid-diżabilità, il-post fl-istorja, iżda wkoll it-tip u l-kawża tad-diżabilità flimkien ma' fatturi oħra bħall-pożizzjoni soċjoekonomika, jekk id-diżabilità hix viżibbli jew le, u l-attitudnijiet tas-soċjetà dwarha.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
| --- | --- |
| **Il-garanzija li nies li jesperjenzaw id-diżabilità iktar tard fil-ħajja għandhom l-istess livell ta' aċċess daqs nies iżgħar li għandhom diżabilità.** | • Stħarriġ dwar kif il-fornituri tas-servizzi għad-diżabilità qed jgħinu l-utenti anzjani tagħhom.<br>• Analiżi dwar jekk l-istandards ta' diżabilità humiex adegwati għall-anzjani b'diżabilità kemm fil-kura tal-komunità kif ukoll fir-residenzi. |

Tema 3.10

# Il-kura għad-dimenzja

## Bħalissa, in-numru ta' persuni li qed jgħixu bid-dimenzja f'Malta hu madwar 7,000, numru li hu mistenni li jirdoppja sal-2050.

Madankollu, hemm lakuna ewlenija fil-politika dwar l-anzjanità attiva fl-esklużjoni ta' persuni li jgħixu bid-dimenzja meta l-attivitajiet tal-parteċipazzjoni u tad-divertiment huma importanti għas-sodisfazzjon tal-ħajja tagħhom u l-protezzjoni possibbli kontra deterjorazzjoni futura. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali* hi favur li n-nies li jgħixu bid-dimenzja għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem f'varjetà wiesgħa ta' attivitajiet sinifikanti u li jitgħallmu minnhom, skont il-livell tagħhom ta' kapaċità fiżika u mentali, sabiex tiżgura li assolutament ħadd ma jkun eskluż mill-politika għall-anzjanità attiva.

| MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|
| **Il-garanzija li anzjani bid-dimenzja jingħataw appoġġ ta' wara d-dinjanjożi sabiex jgħixu stili ta' ħajja għall-anzjanità attiva għat-tnaqqis tal-iżolament, sabiex jegħlbu ostakli imposti minn din il-kundizzjoni, u jippreservaw jew isaħħu s-sens ta' valur tagħhom infushom billi jkomplu jikkontribwixxu lejn is-soċjetà u jħossuhom utli.** | • L-iżgurar tal-issettjar ta' standards u kura speċjalizzata għall-forniment ta' servizzi għan-nies bid-dimenzja.<br>• Ir-reviżjoni tas-servizzi tad-dimenzja offruti bħalissa.<br>• Id-disinn ta' riċerka u programmi għad-dijanjożi bikrija tad-dimenzja. |
| **Il-provvista ta' interventi psikoedukattivi lil min jieħu ħsieb in-nies bid-dimenzja għax dan għandu effetti pożittivi fuq is-suċċess tal-persuni bid-dimenzja sabiex jgħixu ħajja anzjana attiva.** | • L-organizzazzjoni ta' avvenimenti edukattivi għal min jieħu ħsieb.<br>• L-aġġornament tas-sit ċentrali għall-anzjanità attiva sabiex jinkludi informazzjoni u pariri għal nies li kellhom dijanjożi tad-dimenzja u l-qraba rispettivi tagħhom.<br>• L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' gruppi ta' appoġġ għal min jieħu ħsieb sabiex itejbu l-istandard tal-kura tal-anzjani bid-dimenzja u sabiex l-għoti tal-kura ssir iktar sostenibbli. |
| **L-organizzazzjoni ta' direttorat responsabbli għall-kura tad-dimenzja.** | • L-organizzazzjoni ta' direttorat bil-għan li jimplimenta l-Istrateġija tad-Dimenzja u biex iservi ta' punt ta' referenza għal kwalunkwe persuna li għandha d-dimenzja kif ukoll għall-qraba tagħha jew dawk li l-iktar jieħdu ħsiebha. |

# SOMMARJU TAT-TABELLA

**GĦAN 01**

# L-INKLUŻJONI SOĊJALI

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| Is-solitudni u l-iżolament soċjali | L-eżekuzzjoni ta' network komunitarju li jipprovdi servizzi ta' ħbiberija u appoġġ permezz ta' żjarat personali, pjattaforma għat-tagħlim online, u laqgħat għall-appoġġ fi grupp. | • It-twessigħ ta' servizzi bbażati fil-komunità.<br>• Il-kollaborazzjoni ma' studenti tal-kura soċjali għall-ħolqien ta' network komunitarju.<br>• Il-ħolqien ta' sit web ċentrali ddedikat għall-anzjanità attiva li jinkludi materjal edukattiv u informazzjoni dwar is-servizzi differenti li jeżistu.<br>• t-twettiq ta' riċerka biex tidentifika lakuni fl-għarfien, biex tipprevjeni u tnaqqas is-solitudni u l-iżolament soċjali.<br>• L-organizzazzjoni ta' workshops tat-taħriġ li jgħallmu l-professjonisti tal-kura tas-saħħa dwar l-iżolament u s-solitudni fl-anzjanità |
| | L-implimentazzjoni ta' programmi li jindirizzaw sottogruppi ta' anzjani vulnerabbli għas-solitudni bħall-migranti, nies b'diffikultajiet tas-saħħa kroniċi u romol. | • L-organizzazzjoni ta' workshops tat-taħriġ li jgħallmu l-professjonisti tal-kura tas-saħħa dwar l-iżolament u s-solitudni fl-anzjanità.<br>• L-evalwazzjoni tal-bżonn ta' servizzi speċjalizzati.<br>• Id-disinn u l-eżekuzzjoni ta' kampanji promozzjonali tas-servizzi soċjali disponibbli.<br>• L-għajnuna lill-anzjani voluntiera biex jagħmlu ħbieb ma' sħabhom li forsi qed jesperjenzaw l-iżolament u s-solitudni. |
| | It-tnedija ta' interventi mmexxija mill-komunità bil-mira tagħhom tkun l-anzjani li jgħixu f'darhom, speċjalment dawk li ma jistgħux joħorġu minn darhom, u anzjani li qed jgħixu fir-residenzi għall-kura fit-tul. | • Il-preparazzjoni għar-reklutaġġ ta' kwalunkwe professjonist multidixxiplinarju meħtieġ. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
| --- | --- | --- |
| Sigurtà Finanzjarja | L-appoġġ għall-ippjanar finanzjarju matul il-ħajja permezz ta' programmi u prodotti li jinkoraġixxu l-ippjanar finanzjarju fit-tul li hu personalizzat biex jindirizza l-bżonnijiet diversi tal-anzjani. | • L-organizzazzjoni ta' programmi ta' litteriżmu finanzjarju għall-anzjani f'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali.<br>• S-Sit ċentrali għandu jinkludi ħoloq għal informazzjoni dwar il-pensjonijiet tal-gvern u kwalunkwe benefiċċju soċjali ieħor.<br>• S-Sit ċentrali għandu jinkludi materjal edukattiv li jenfasizza l-mistoqsijiet li jsiru ta' spiss u jinkludi gwidi dwar l-ippjanar finanzjarju.<br>• Il-provvista ta' servizzi finanzjarji għall-membri taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva u residenti fid-djar tal-kura u fil-faċilitajiet għall-kura fit-tul.<br>• L-għarfien fost iċ-ċittadini, inkluż ħaddiema migranti, biex iħallsu l-kontributi tas-sigurtà soċjali u jinvestu f'pensjonijiet aħjar fl-anzjanità. |
| | Il-protezzjoni tal-anzjani permezz tal-indirizzar tal-abbuż finanzjarju u l-frodi permezz tat-taħriġ tal-professjonisti biex jitgħallmu jidentifikaw il-problemi malajr u jużaw approċċi diversi ta' prevenzjoni. | • Il-provvista ta' taħriġ adegwat lill-professjonisti biex jidentifikaw is-sinjali ta' twissija tal-abbuż ekonomiku tal-anzjani.<br>• It-tnedija ta' kampanji nazzjonali ta' għarfien għall-anzjani biex jidentifikaw sinjali ta' frodi.<br>• L-iżgurar li s-sit ċentrali jinkludi informazzjoni dwar kif tidentifika sinjali ta' imġiba frawdolenti mmirata lejn l-anzjani. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
| --- | --- | --- |
| Impenn Ċiviku | Il-konsiderazzjoni ta' modi effettivi ta' appoġġ lill-organizzazzjonijiet li jiddependu fuq il-voluntiera. | • Il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet volontarji għall-parteċipazzjoni tal-anzjani.<br>• Is-sit ċentrali għall-anzjanità attiva għandu jinkludi informazzjoni dwar il-benefiċċji personali u soċjali tal-volontarjat, jgħin lin-nies isibu opportunitajiet viċin id-dar tagħhom u jinkludi l-mezzi biex l-organizzazzjonijiet ikunu kkuntattjati direttament. |
| | Il-promozzjoni ta' kampanji ta' għarfien li jtennu l-kontributi straordinarji tal-voluntiera u jinkoraġġixxu l-anzjani jagħmlu l-volontarjat. | • Il-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li jinkoraġġixxu l-anzjani jagħmlu l-volontarjat u b'hekk jixjieħu b'mod produttiv.<br>• Il-promozzjoni tal-volontarjat permezz ta' forom differenti tal-midja partikolarment pjattaformi online. |
| Kura għall-konjuġi jew imsieħba, tfal u neputijiet | L-użu tal-evalwazzjonijiet tal-kura bħala opportunità għall-ġbir tal-informazzjoni, bini tar-relazzjonijiet, sabiex tiżdied il-kwalità tas-sħubija terapewtika bejn dawk li jieħdu ħsieb u l-utenti tas-servizz. | • L-evalwazzjoni mill-ġdid u t-tisħiħ tas-servizzi eżistenti tas-sensibilizzazzjoni. |
| | L-evalwazzjoni tar-rwol u l-kontribut tan-nanniet fin-nukleu familjari. | • Id-disinn ta' eżerċizzju tar-riċerka bl-għan tal-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-politika pubblika. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| Ċentri tal-Anzjanità Attiva | Evalwazzjoni tal-aċċessibbiltà taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva u sussegwentement l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' metodi għat-titjib. | • Il-promozzjoni tas-servizzi taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva.<br>• L-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' divertiment u kulturali għall-parteċipanti.<br>• Il-koordinament ta' workshops ta' taħriġ dwar is-saħħa mentali għall-persunal taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva. |
| | L-espansjoni tal-mandat taċ-Ċentri tal-Anzjanità Attiva sabiex jinkludu programmi, opportunitajiet tal-volontarjat, programmi interġenerazzjonali, u opportunitajiet tal-azzjoni komunitarja. | • Ir-reviżjoni ta' attivitajiet li bħalissa huma organizzati minn ċentri għall-anzjanità attiva.<br>• Il-kontinwazzjoni tal-modernizzazzjoni taċ-ċentri għall-anzjanità attiva. |
| It-tagħlim fit-tielet età | Iż-żieda tal-opportunitajiet għat-tagħlim fit-tielet età fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali filwaqt li jkun hemm assistenza fit-twessigħ tal-kurrikuli u l-għażla tal-faċilitaturi. | • Il-provvista ta' għalliema b'taħriġ dwar kif jgħallmu lill-istudenti anzjani.<br>• L-iffaċilitar tat-tagħlim mingħand l-imsieħba.<br>• It-tnedija ta' kampanji promozzjonali mifruxa sew.<br>• Iż-żieda fl-għarfien ta' opportunitajiet għat-tagħlim għall-anzjani permezz ta' sit ċentrali għall-anzjanità attiva. |
| | Il-provvista ta' opportunitajiet għat-tagħlim interġenerazzjonali sabiex jikkontribwixxu lejn il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-fehim u l-kooperazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet differenti. | • L-iżgurar li l-faċilitaturi involuti fit-tagħlim fit-tielet età huma kompetenti fil-ġeragoġija.<br>• L-introduzzjoni ta' proġett fejn l-istudenti jgħallmu l-IT lill-anzjani. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| It-tagħlim fir-raba' età | It-twessigħ tal-opportunitajiet għat-tagħlim fir-raba' età f'settings tal-kura residenzjali u l-użu tal-midja tar-radju u tat-televiżjoni għall-anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom. | • L-iżgurar li numru ta' korsijiet tat-tagħlim għall-adulti jkunu disponibbli wkoll f'forom differenti tal-midja inkluż l-istrimjar. L-aċċessibbilità għal dawn is-sessjonijiet ser tkun disponibbli permezz ta' sit ċentrali għall-anzjanità attiva.<br>• L-organizzazzjoni ta' sessjonijiet fi grupp għat-tagħlim fir-raba' età fi djar residenzjali. |
| | Il-provvista ta' persunal li huma responsabbli għall-provvista ta' attivitajiet sinifikanti u ta' tagħlim għal persuni fraġli f'settings ta' kura fit-tul b'kompetenza f'ħiliet ġeragoġiċi. | • Ir-reklutaġġ ta' persunal fi djar tal-kura li ser ikunu responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-anzjani f'attivitajiet soċjali u ta' tagħlim. |
| It-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni | L-għarfien tal-importanza tal-kompetenza diġitali fuq il-benesseri fl-anzjanità sabiex ikun hemm aċċellerazzjoni fl-użu tal-hardware tal-kompjuter u tal-aċċess online fost l-anzjani. | • Il-provvista ta' korsijiet tal-IT mifruxa sew.<br>• L-ilħuq ta' anzjani u stedina lill-anzjani li mhumiex wisq litterati u kompetenti diġitalment biex jipparteċipaw f'korsijiet tal-IT.<br>• S-sit ċentrali għall-anzjanità attiva ser jinkludi informazzjoni u tutorials bażiċi tal-IT bħal kif iżżomm ruħek 'il bogħod mill-periklu online. |
| | It-titjib tal-aċċessibbiltà għall-internet. | • L-iffaċilitar tal-aċċess għall-internet għall-anzjani bi dħul baxx.. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| It-Trasport | L-appoġġ għal trasport sostenibbli, intelliġenti, u favur l-età u l-iżgurar li t-trasport pubbliku hu aċċettabbli, disponibbli, affordabbli, u aċċessibbli, u bla periklu u sikur għall-anzjani. | • L-evalwazzjoni tas-sistema tas-servizz pubbliku, speċjalment il-bus stops u r-rotot tax-xarabanks, għat-titjib tas-servizz tiegħu għall-anzjani.<br>• L-evalwazzjoni tas-servizz 'Silver-T' li hu disponibbli bħalissa u l-identifikazzjoni ta' modi għat-titjib.<br>• Il-bidu u l-manutenzjoni tan-networking bejn is-siti differenti tas-servizz 'Silver-T'. |
| Komunitajiet favur l-età | L-involviment ta' negozji, partijiet interessati, u kunsilli lokali biex jissieħbu u jimplimentaw il-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar bliet favur l-età. | • Iż-żamma ta' laqgħat bl-għan li jiġi provdut informazzjoni għall-partijiet interessati u li jesploraw ideat different għall-attivitajiet possibbli. |
| | L-involviment tal-anzjani fid-disinn tas-servizzi li jaffettwawhom, fit-teħid tad-deċiżjonijiet lokali, fir-riġenerazzjoni tal-lokal u fl-iżvilupp ta' inizjattivi li huma favur l-età. | • L-iżgurar ta' kanali miftuħa tal-komunikazzjoni. Il-provvista ta' feedback għandu jkun aċċessibbli għall-anzjani. |

**GĦAN 02**

# L-ANZJANITÀ F'SAĦĦITA

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| Għajxien indipendenti | L-għajnuna lill-anzjani biex ma jkunux passivi fir-relazzjoni tagħhom mal-ambjenti iżda minflok iżommu l-kapaċità li jagħżlu li jipprattikaw livelli ta' kwalità ta' aġenzija u awtonomija li għandhom influwenza pożittiva fuq id-dinjità, l-integrità, u l-libertà tagħhom. | • L-għarfien għall-anzjani dwar kif għandhom jippreparaw ruħhom biex jgħixu għal iktar żmien f'darhom.<br>• It-titjib tal-appoġġ lill-familjari li jieħdu ħsiebhom permezz tat-tisħiħ tas-servizzi disponibbli. |
| | L-iżgurar li d-dominji ewlenin tal-kapaċità funzjonali li huma essenzjali għall-anzjani - jiġifieri, li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom; li jippermettulhom li jitgħallmu, jikbru u jieħdu deċiżjonijiet; li jkunu mobbli; li jibnu u jżommu relazzjonijiet; u jikkontribwixxu - jkunu possibbli u permissibbli. | • Ir-reviżjoni tas-servizzi tal-appoġġ psikoloġiku.<br>• L-investiment fir-reklutaġġ ta' infermiera fid-djar.<br>• Il-ħolqien ta' pjattaforma kollaborattiva bejn fornituri tas-servizzi pubbliċi u privati.<br>• It-tisħiħ tas-servizzi eżistenti tal-kura fil-komunità.<br>• L-espansjoni tas-servizzi ta' kenn ta' billejl. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| Aċċess għas-servizzi tas-saħħa | L-iffaċilitar tal-aċċess sabiex l-anzjani jagħmlu użu iktar effiċjenti tas-servizzi bħall-kura primarja, servizzi soċjali u servizzi tal-kura tas-saħħa sabiex ikollhom ħajja iktar indipendenti. | • Ir-reviżjoni tal-aċċessibilità tas-servizzi disponibbli bħalissa.<br>• Ir-reviżjoni ta' pjanijiet għal kwalunkwe servizz ġdid u l-iżgurar tal-aċċessibilità.<br>• L-iffaċilitar tal-aċċess għas-servizzi tal-outpatient. |
| | L-iżgurar li l-anzjani mhumiex esklużi minn mezzi ġodda ta' provvista ta' servizzi, bħall-mekkaniżmi online, sabiex is-servizzi kollha jibqgħu kompletament disponibbli u aċċessibbli. | • L-iżgurar li l-provvista tas-servizz hi disponibbli fil-forom differenti inkluż mezzi tradizzjonali. |
| L-attività fiżika | L-iżgurar ta' kampanji ta' għarfien u rakkomandazzjonijiet ċari fis-seħħ sabiex adulti kbar jilħqu l-livelli rakkomandati mil-linji gwida tal-attività fiżika għall-età tagħhom u għal kwalunkwe kundizzjoni tas-saħħa. | • Iż-żieda fil-kampanji ta' għarfien permezz ta' materjal edukattiv dwar kif iżżomm is-saħħa fiżika.<br>• L-organizzazzjoni ta' taħditiet dwar is-saħħa u l-benesseri sabiex l-anzjani b'kapaċitajiet differenti jedukaw ruħhom dwar it-tip ta' eżerċizzju li jistgħu jagħmlu. |
| | Providing guidelines on exercise programmes to address cardiorespiratory fitness, muscle strength and balance. | • Provide a series of specialised exercise instructions and classes. These programmes will be made available in person and virtually.<br>• Involve gym and fitness centres to provide age-friendly sessions. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| Is-sigurtà fiżika | Il-provvista ta' linji gwida li jiżguraw is-sigurtà fid-dar bħala mitigazzjoni kontra l-abbuż tal-mediċini u l-possibbiltà ta' waqgħat, stairs negotiation, avvelenament bil-monossidu tal-karbonju, tismit u ħruq, u ipotermja. | • Is-sit ċentrali għall-anzjanità attiva ser jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-anzjani u l-familjari tagħhom dwar kif jiżguraw li d-djar tagħhom isiru siguri.<br>• Iż-żieda fil-programmi taż-żjarat fid-djar.<br>• L-introduzzjoni ta' miżuri dwar l-użu sigur tal-mediċina.. |
| | L-iżgurar tas-sigurtà barra permezz tal-garanzija ta' passaġġi li huma aċċessibbli u ma jiżolqux, ħafna dell, u l-iżvilupp ta' standards fil-qasam tad-disinn tat-toroq favur l-età. | • It-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju fl-ispazju pubbliku.<br>• It-titjib tas-sigurtà tal-ispazji pubbliċi. |
| Il-benesseri mentali | It-tisħiħ ta' tmexxija effettiva fis-saħħa mentali, kif ukollil-provvista ta' servizzi tal-kura tas-saħħa li huma komprensivi, integrati u risponsivi f'settings ibbażati fil-komunità. | • Ir-reviżjoni tal-provvista tas-servizzi attwali fil-komunità u t-twettiq ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet.<br>• L-organizzazzjoni ta' sessjonijiet fi grupp fil-komunità u fid-djar residenzjali.<br>• L-appoġġ lill-anzjani biex jaċċettaw xi telfa ta' persuna oħra permezz tas-servizzi terapewtiċi. |
| | L-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-promozzjoni u l-prevenzjoni fis-saħħa mentali, flimkien mat-tisħiħ tas-sistemi tal-informazzjoni, evidenza u riċerka għas-saħħa mentali għall-anzjani. | • L-aġġornament tas-sit ċentrali għall-anzjanità attiva biex jinkludi materjal edukattiv dwar kif tagħraf meta għandek bżonn tfittex l-għajnuna.<br>• L-aġġornament tas-sit ċentrali għall-anzjanità attiva biex jinkludi dettalji ta' kuntatt tas-servizzi u/jew tal-professjonisti disponibbli.<br>• Il-kollaborazzjoni ma' partijiet interessati biex jitqajjem għarfien u ssir riċerka.<br>• L-organizzazzjoni ta' sessjonijiet u workshops informattivi għat-tobba biex jitgħallmu jagħrfu kwistjonijiet ta' saħħa mentali fl-anzjanità. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| It-tranżizzjoni lejn l-irtirar | Gwida għall-persuni sabiex, waqt u wara it-tranżizzjoni lejn l-irtirar tagħhom, jifhmu l-implikazzjonijiet ta' stil ta' ħajja ta' anzjanità attiva. | • L-organizzazzjoni ta' programm nazzjonali għat-tagħlim qabel l-irtirar li jippermetti lill-ħaddiema u lill-anzjani biex jagħmlu t-tranżizzjoni mill-impjieg għall-irtirar b'suċċess.<br>• L-għoti lil min iħaddem ta' pariri esperti u linji gwida dwar kif jappoġġjaw lill-impjegati u lill-konjuġi jew imsieħba tagħhom waqt it-tranżizzjoni mill-impjieg lejn l-irtirar. |
| | L-għoti ta' appoġġ lin-nies waqt it-tranżizzjoni lejn l-irtirar biex jadottaw stil ta' ħajja tal-anzjanità f'saħħitha. | • Provide employers with expert advice and guidelines on how to support their employees and their spouses or partners through the employment-to-retirement transition. |
| Il-kura fil-komunità | L-implimentazzjoni ta' sett ta' standards minimi għal servizzi bbażati fuq il-komunità biex itejbu l-kwalità tal-ħajja ta' min jirċievi l-kura u min jagħtiha, u biex jikkontribwixxi għal iktar reżiljenza fis-soċjetà. | • Għandha ssir riċerka dwar l-istandard tas-servizzi u kif dan jista' jittejjeb.<br>• Iż-żieda fis-servizzi tal-kura palljativa. |
| | Il-provvista ta' servizzi fil-komunità għandha tikkunsidra l-bżonnijiet psikosoċjali tal-anzjani, bħall-parteċipazzjoni f'attivitajiet sinifikanti, bħala parti mill-evalwazzjoni tal-kura olistika. | • L-evalwazzjoni mill-ġdid tas-servizzi bbażati fuq il-komunità: sabiex jinkludu t-twessigħ u l-ispeċjalizzazzjoni tas-servizzi offruti. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| Il-kura fir-residenzi fit-tul | Il-kura fir-residenzi fit-tul It-titjib tal-kwalità tal-proċess fil-kura fit-tul permezz tal-iżgurar ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-drittijiet tar-residenti, is-sigurtà tal-bini, u l-istabbiliment ta' kumitat għall-assigurazzjoni tal-kwalità. | • Il-ħolqien ta' provvista ta' assistenza tas-servizz b'informazzjoni u servizzi ta' riferiment.<br>• L-iżgurar li r-residenti huma involuti fil-ħolqien tal-pjan għall-kura tagħhom.<br>• It-tkomplija u s-sorveljanza tar-restawr tad-djar residenzjali.<br>• L-introduzzjoni ta' sistema kompjuterizzata ċentrali għall-impjegati li jaħdmu fid-dar għall-kura u għar-residenti. |
| | Ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' forza tax-xogħol edukata u tas-sengħa permezz tat-titjib tal-kwalifikazzjoni tal-maniġers tal-kura, professjonisti soċjali u tas-saħħa, ħaddiema fil-kura, u persunal awżiljarju. | • Il-persunal reklutat irid ikollu l-kwalifiki neċessarji.<br>• L-iżgurar ta' taħriġ u superviżjoni kontinwi għall-membri tal-persunal. |
| In-nutrizzjoni għall-anzjanità f'saħħitha | L-edukazzjoni tal-anzjani dwar l-importanza tal-ikel tajjeb għas-saħħa. | • L-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' informazzjoni għat-tagħlim għall-anzjani dwar il-benefiċċji ta' dieta tajba għas-saħħa, allerġiji għall-ikel, malnutrizzjoni, dijabete u obeżità, nutrizzjoni u dimenzja, u l-immaniġġjar sikur tal-ikel.<br>• L-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel tajjeb għas-saħħa fuq is-sit ċentrali u d-distribuzzjoni tal-fuljetti lill-anzjani li jgħixu fil-komunità. |
| | L-edukazzjoni tal-anzjani dwar il-kwistjonijiet diffiċli tal-vizzju tan-nikotina, l-alkoħol, u b'mod iktar ġenerali, id-drogi narkotiċi. | • It-twettiq ta' verifika tad-djar tal-kura u l-faċilitajiet għall-kura fit-tul għall-evalwazzjoni ta' kemm ir-residenti huma pprovduti b'ikel suffiċjenti u ta' kwalità għolja u l-kura tan-nutrizzjoni. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| | L-edukazzjoni tal-anzjani dwar il-kwistjonijiet diffiċli tal-vizzju tan-nikotina, l-alkoħol, u b'mod iktar ġenerali, id-drogi narkotiċi. | • L-għarfien dwar il-ħsara li jagħmlu l-vizzji tan-nikotina, tal-alkoħol u tan-narkotiċi V fl-anzjanità.<br>• Il-provvista ta' interventi rilevanti għall-età, minn konsulenza għall-farmakoterapija, lill-anzjani li qed isofru mill-vizzji. |
| Il-kura fl-aħħar tal-ħajja | Il-provvista ta' appoġġ psikoloġiku lill-persuni li qed jesperjenzaw in-niket. | • Il-provvista ta' appoġġ psikoloġiku lill-anzjani li tilfu l-konjuġi tagħhom. |
| | L-edukazzjoni ta' professjonisti tas-saħħa dwar il-kura fl-aħħar tal-ħajja għall-anzjani. | • L-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ u workshops għall-professjonisti tas-saħħa li jaħdmu f'ambjenti tal-kura tas-saħħa akuta u faċilitajiet tal-kura fit-tul dwar il-kura fl-aħħar tal-ħajja. |
| | L-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar direttivi bil-quddiem. | • L-espansjoni tal-'mandat mogħti minn persuna b'antiċipazzjoni tal-inkapaċità tagħha' fil-Kodiċi Ċivili ta' Malta (l-Artikolu 1864A) sabiex dan il-mandat jestendi għad-deċiżjonijiet dwar il-kura tas-saħħa waqt l-inkapaċitazzjoni mentali. |
| Skrinjar tas-saħħa | L-identifikazzjoni ta' kundizzjonijiet li huma prevalenti fost l-anzjani. | • L-adozzjoni ta' testijiet li huma kosteffettivi u mhux invażivi għall-iskrinjar tal-kundizzjonijiet identifikati. |
| | L-evalwazzjoni tal-impatt li tali kundizzjonijiet ta' tħassib għandhom fuq il-ħajja tal-anzjani | • L-iżvilupp ta' inizjattivi tal-kura tas-saħħa għall-monitoraġġ u t-tnaqqis ta' kumplikazzjonijiet tal-kura tas-saħħa li jistgħu jiġu evitati. |

GĦAN 03

# L-INDIRIZZAR TAD-DIVERSITÀ U L-INUGWALJANZA

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| L-Etaiżmu u d-diskrimazz-joni bbażata fuq l-età | L-iżvilupp ta' programmi interġenerazzjonali li jinkludu kuntatt pożittiv mal-anzjani fejn hemm kooperazzjoni mill-partijiet kollha li qed jaħdmu għal għan komuni. | • It-tnedija ta' kampanja tal-informazzjoni.<br>• Il-ħolqien ta' ċentru għar-rappurtaġġ tal-abbuż u servizz għall-appoġġ tal-vittmi għall-anzjani. |
| | L-iżgurar ta' edukazzjoni adegwata dwar l-anzjanità fl-iskejjel primarji u sekondarji, u istituzzjonijiet postsekondarji u terzjarji, li jinvolvu interazzjonijiet prattiċi mal-anzjani. | • L-inklużjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-anzjanità f'kurrikuli u l-enfasi fuq it-tagħlim interġenerazzjonali. |
| | L-edukazzjoni tal-professjonisti u tal-ħaddiema kollha dwar l-ereżiji dwar l-anzjanità għax hu essenzjali li l-preġudizzju u l-isterjotipi dwar l-anzjanità ma jrabbu l-għeruq fl-ebda servizz okkupazzjonali. | • L-edukazzjoni dwar kif tagħraf l-etaiżmu permezz tal-kampanji tal-midja. Il-materjal edukattiv għandu jinkludi wkoll liema azzjonijiet għandu jieħu xi ħadd li jħossu diskriminat minħabba l-età. |
| | L-indirizzar tad-dgħufijietn fil-politiki u istituzzjonali, fir-rigward tal-etaiżmu u tad-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani, li kienu esposti mill-pandemija. | • Strateġiji ta' wara l-COVID-19 dwar l-anzjanità attiva għandhom jinkludu azzjoni affermattiva lejn is-setturi vulnerabbli tal-anzjani li huma illitterati diġitalment, fir-riskju tal-faqar, jgħixu bid-dimenzja, u jgħixu f'faċilitajiet tal-kura fit-tul. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| Il-Ġeneru | Il-mitigazzjoni tar-riskji tal-inugwaljanzi tal-ġeneru tul il-ħajja kollha li jirriżultaw fil-faqar tan-nisa anzjani u f'diskrepanzi fil-pensjonijiet bejn is-sessi billi jiżguraw livelli adegwati tas-sigurtà tad-dħul għan-nisa anzjani. | • L-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-leġiżlazzjoni, fil-politiki u fil-pjanijiet ta' azzjoni kollha relatati mal-anzjanità, u l-inklużjoni ta' miżuri u indikaturi speċifiċi biex jindirizzaw l-isfidi u l-bżonnijiet differenti tal-anzjani nisa.<br>• L-iżgurar ta' parteċipazzjoni sistematika, sinifikanti u effettiva tal-anzjani nisa fid-djalogi tal-politika kif ukoll fil-ħajja politika, ċivili, ekonomika, soċjali u kulturali. |
| | Il-mitigazzjoni kontra t-tendenza tal-anzjani rġiel li jesperjenzaw diffikultajiet biex ifittxu l-għajnuna u jitkellmu dwar is-solitudni minħabba perċezzjonijiet negattivi dwar it-tbatija emozzjonali, u l-biża' ta' stigma u mistħija. | • L-iżgurar li l-fornituri tas-servizz jippermettu l-possibbiltà ta' gruppi magħmula minn irġiel biss u spazji għal laqgħat f'postijiet għall-anzjanità attiva għax hu iktar faċli biex anzjani rġiel jiftħu qalbhom u jiżviluppaw ħbiberiji f'ambjenti fejn ikun hemm irġiel biss.<br>• Ċentri għall-anzjanità attiva għandhom jinkludu attivitajiet prattiċi, ibbażati fuq il-ħiliet - bħax-xogħol tal-injam, snajja' bl-idejn u ġardinaġġ. |
| Anzjani leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri, intersesswali u queer | Il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma nazzjonali biex jistudja l-isfidi differenti fil-kura soċjali u tas-saħħa esperjenzati mill-popolazzjoni LGBTIQ+. | • L-inklużjoni ta' espert dwar l-anzjanità LGBTIQ+ fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva.<br>• Il-kollaborazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv LGBTIQ+ għall-iżgurar li d-drittijiet u l-bżonnijiet tal-anzjani LGBTIQ+ ikunu rappreżentati u mħarsa rispettivament. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| | L-iżgurar li servizzi tal-kura huma mhux biss inklussivi tal-LGBTIQ+ iżda wkoll imsejsa fuq servizzi legali li jissalvagwardjaw il-klijenti mid-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. | • L-introduzzjoni/inklużjoni ta' skala ta' tolleranza għall-evalwazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura dwar l-inklussività tal-LGBTIQ+.<br>• L-għoti ta' taħriġ lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa, u lill-fornituri tas-servizzi soċjali u legali, biex ikunu sensittivi lejn il-kultura u jkollhom għarfien dwar l-istorja tad-diskriminazzjoni u l-bżonnijiet uniċi tal-anzjani LGBTIQ+.<br>• Il-fornituri tas-servizzi għandhom ikunu mgħallma biex ikollhom prattiki kontra l-oppressjoni u li jirrikonoxxu strutturi alternattivi tal-familja. |
| Id-djar u l-akkomadazz-joni | It-tkomplija tal-offerta ta' programmi li jgħinu lill-anzjani biex jagħmlu l-proprjetajiet tagħhom 'favur l-età' (pereżempju tisħin adegwat, kmamar tal-banju ddisinjati sew, eċċ.). | • L-introduzzjoni ta' servizz ta' konsulenza għall-evalwazzjoni tad-djar u pariri dwar kif jistgħu jsiru iktar sikuri u aċċessibbli.<br>• Il-provvista ta' assistenza finanzjarja lill-anzjani li jkollhom jagħmlu ċerti modifiki fid-dar tagħhom minħabba mobilità mnaqqsa.<br>• Il-tkomplija ta' skemi tal-appoġġ immirat biex jgħin l-aċċess għall-apparat li jgħin il-mobilità bħal sodod, paranki u lifters speċjalizzati. |
| | Il-konsiderazzjonijiet tar-realtajiet ta' anzjani f'Malta li m'għandhomx dar. | • It-twettiq ta' riċerka sabiex ikun hemm għarfien dwar ir-realtà ta' persuni li qed jispiċċaw bla dar iktar tard f'ħajjithom.<br>• Ir-reviżjoni tal-kriterji ta' eliġibilità li jeżistu għall-aċċess ta' benefiċċji residenzjali disponibbli. |
| | Il-bidu ta' xogħol fuq l-għoti ta' għażliet ta' akkomodazzjoni 'intermedja'. | • Il-bidu ta' proġett għal akkomodazzjoni protetta għall-anzjani. Dan jipprovdi alternattiva għal dawk il-persuni li jixtiequ jkomplu jgħixu fil-komunità b'xi sigurtà addizzjonali. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| L-Etniċità | L-implimentazzjoni ta' servizzi li huma adegwati kulturalment u lingwistikament li jippromwovu l-ugwaljanza fis-saħħa u jeliminaw id-disparitajiet fil-kura tas-saħħa iktar tard fil-ħajja irrispettivament mill-isfond etniku. | • Is-sensittività kulturali u lingwistika għandha tkun stabbilita bħala standard u mmonitorjata kontinwament. Il-fokus għandu jinkludi wkoll l-għarfien fost l-anzjani.<br>• L-iżgurar tas-servizzi ta' kura fil-komunità u fit-tul għall-anzjani huma sensittivi għan-normi u l-valuri etniċi diversi. |
| | It-taħriġ ta' professjonisti u ħaddiema f'kompetenza kulturali li hi l-kapaċità li tirrikonoxxi twemmin, valuri u attitudnijiet kulturali f'popolazzjonijiet diversi fis-servizzi tal-kura kollha. | • L-organizzazzjoni ta' kura kulturalment adegwata lill-membri tal-persunal kollha. |
| L-abbuż u t-trattament ħażin | L-obbligu tal-professjonisti li jiġu f'kuntatt ma' anzjani biex jirrappurtaw suspetti ta' abbuż li jista' jkollhom, mingħajr ma jiffaċċjaw prosekuzzjoni jekk is-suspett tagħhom ma jkunx fondat. | • Għandu jingħata taħriġ lill-professjonisti biex jitgħallmu kif għandhom jgħarfu l-abbuż kontra l-anzjani u jirrappurtawh. |
| | L-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ rigorużi fl-oqsma kollha tal-benesseri tal-anzjanità għall-iffaċilitar tal-identifikazzjoni effettiva u l-prevenzjoni tal-abbuż u l-implimentazzjoni ta' rispons adegwat. | • Is-sit ċentrali għall-anzjanità attiva għandu jinkludi metodu ċar għar-rappurtaġġ tal-abbuż kontra l-anzjani.<br>• It-tnedija ta' kampanji ta' għarfien immirati lejn il-pubbliku ġenerali. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| L-aċċess għall-ġustizzja | L-iżgurar li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għall-anzjani tkun akkumpanjata minn proċessi ta' infurzar u miżuri ta' rimedju. | • Id-diskussjoni dwar l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni għal dan l-għan ma' partijiet interessati adegwati.<br>• L-aġġornament tas-sit għall-anzjanità attiva sabiex l-anzjani jinfurmaw ruħhom dwar id-drittijiet tagħhom u b'liema mezzi jistgħu jaċċessaw l-għajnuna legali kif/fejn neċessarju. |
| | It-tneħħija ta' barrieri soċjokulturali, fiżiċi, u ekonomiċi għall-aċċess tal-ġustizzja sabiex l-anzjani jkollhom aċċess għal rimedju adegwat u d-dritt għal smigħ xieraq. | • L-għarfien dwar id-disponibbiltà ta' servizzi legali b'xejn u aċċessibbli.. |
| L-anzjanità f'faċilitajiet korrettivi | Il-bidu ta' evalwazzjonijiet ġerontoloġiċi u ġerjatriċi ta' residenti f'faċilitajiet korrettivi fl-età ta' 55 sena għall-iżvilupp ta' mudell ta' kura bbażat fuq tim, partikolarment għal dawn b'multimorbidità. | • Il-kapaċità fiżika tar-residenti anzjani għandha tkun evalwata sabiex ikun determinat jekk humiex kapaċi jwettqu l-kompiti assenjati lilhom.<br>• Qabel ma jkunu rilaxxati, ir-residenti għandhom ifasslu pjan ta' rilaxx li jinkludi affarijiet bħal x'medikazzjoni għandhom bżonn, appuntamenti tas-saħħa għal wara r-rilaxx u kopji tar-rekords tas-saħħa tagħhom. |
| | Il-provvista ta' kura adegwata għal residenti anzjani. | • Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jiġu kkonsultati minn Faċilità Korrettiva jistgħu, wara evalwazzjoni dovuta, jirrakkomandaw li resident ikun riferut għal unità speċjalizzata fi ħdan faċilità korrettiva residenzjali għall-kura fit-tul. |
| L-anzjanità b'diżabilità | Il-garanzija li nies li jesperjenzaw id-diżabilità iktar tard fil-ħajja għandhom l-istess livell ta' aċċess daqs nies iżgħar li għandhom diżabilità. | • Stħarriġ dwar kif il-fornituri tas-servizzi għad-diżabilità qed jgħinu l-utenti anzjani tagħhom.<br>• Analiżi dwar jekk l-istandards ta' diżabilità humiex adegwati għall-anzjani b'diżabilità kemm fil-kura tal-komunità kif ukoll fir-residenzi. |

| TEMA | MIŻURA | INIZJATTIVA |
|---|---|---|
| Il-kura għad-dimenzja | Il-garanzija li anzjani bid-dimenzja jingħataw appoġġ ta' wara d-dinjanjożi sabiex jgħixu stili ta' ħajja għall-anzjanità attiva għat-tnaqqis tal-iżolament, sabiex jegħlbu ostakli imposti minn din il-kundizzjoni, u jippreservaw jew isaħħu s-sens ta' valur tagħhom infushom billi jkomplu jikkontribwixxu lejn is-soċjetà u jħossuhom utli. | • L-iżgurar tal-issettjar ta' standards u kura speċjalizzata għall-forniment ta' servizzi għan-nies bid-dimenzja.<br>• Ir-reviżjoni tas-servizzi tad-dimenzja offruti bħalissa.<br>• Id-disinn ta' riċerka u programmi għad-dijanjożi bikrija tad-dimenzja. |
| | Il-provvista ta' interventi psikoedukattivi lil min jieħu ħsieb in-nies bid-dimenzja għax dan għandu effetti pożittivi fuq is-suċċess tal-persuni bid-dimenzja sabiex jgħixu ħajja anzjana attiva. | • L-organizzazzjoni ta' avvenimenti edukattivi għal min jieħu ħsieb.<br>• L-aġġornament tas-sit ċentrali għall-anzjanità attiva sabiex jinkludi informazzjoni u pariri għal nies li kellhom dijanjożi tad-dimenzja u l-qraba rispettivi tagħhom.<br>• L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' gruppi ta' appoġġ għal min jieħu ħsieb sabiex itejbu l-istandard tal-kura tal-anzjani bid-dimenzja u sabiex l-għoti tal-kura ssir iktar sostenibbli. |
| | L-organizzazzjoni ta' direttorat responsabbli għall-kura tad-dimenzja. | • L-organizzazzjoni ta' direttorat bil-għan li jimplimenta l-Istrateġija tad-Dimenzja u biex iservi ta' punt ta' referenza għal kwalunkwe persuna li għandha d-dimenzja kif ukoll għall-qraba tagħha jew dawk li l-iktar jieħdu ħsiebha. |

# REFERENZI


Berg-Weger, M., & Morley, J.E. (2020). Loneliness and social isolation in older adults during the covid-19 pandemic: Implications for gerontological social work. *The Journal of Nutrition, Health & Aging*, *24*(5), 546-58.

European Commission. (2012). *Council declaration on the European Year for active ageing and solidarity between generations (2012): The way forward*. http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/12/st17/st17468.en12.pdf

European Commission. (2015). *The 2015 ageing report: Economic and budgetary projections for the EU 28 Member States (2013-2060)*. Luxembourg: European Commission.

Formosa, M. (2015). *Ageing policy in Malta: Issues, policies and future trends*. Malta: Book Distributors Limited.

Formosa, M. (Ed.) (2018). *Active and healthy ageing in Malta: Gerontological and geriatric inquiries*. Malta: BDL Publishers.

Formosa, M. (2017). Responding to the Active Ageing Index: Innovations in active ageing policies in Malta. *Journal of Population Ageing*, *10*(1), 87-99.

Formosa, M. (2019). Measuring and modelling demographic trends in Malta: Implications for ageing policy. *International Journal on Ageing in Developing Countries*, 4(2), 78-90.

Formosa, M. & Scerri, C. (Eds.) (2015). *Population ageing in Malta: Multidisciplinary perspectives*. Malta: Malta University Press.

Formosa, M., & Scerri, C. (2020). Punching above its weight: Current and future aging policy in Malta. *The Gerontologist*, *60*(8), 1384-1391.

Lewis, B., Purser, K. & Mackie, K., (2020). *The human rights of older persons: A human rights-based approach to elder law*. Singapore: Springer.

National Statistics Office, (2013). *Personal communication*.

National Statistics Office. (2014). *Census of population and housing 2011, Volume 1: Population*. Malta: National Statistics Office.

National Statistics Office. (2019). *Regional statistics Malta - 2019 Edition*. Malta: National Statistics Office.

National Statistics Office. (2021a). *Regional Statistics Malta - 2021 Edition*. Malta: National Statistics Office.

National Statistics Office. (2021b). *World population day: 11 July 2021*. News release 122/2021. Malta: National Statistics Office. https://nso.gov.mt/en/News_Releases/Documents/2021/07/News2021_122.pdf

Organization for Economic Co-operation and Development & European Observatory on Health Systems and Policies. (2019). *Malta: Country Health Profile 2019*. State of Health in the EU. Paris & Brussels: OECD Publishing & European Observatory on Health Systems and Policies. https://doi.org/10.1787/05db1284-en.

Organization for Economic Co-operation and Development & European Union. (2018). *Health at a glance: Europe 2018*. https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/state/docs/2018_healthatglance_rep_en.pdf

Townsend, P. (1981). The structured dependency of the elderly: A creation of social policy in the twentieth century. *Ageing & Society*, *1*(1), 5-28

United Nations. (1966a). *International covenant on civil and political rights*. https://www.ohchr.org/en/professionalinterest/pages/ccpr.aspx

United Nations. (1966b). *Covenant on economic, social and cultural rights*. https://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/CESCR.aspx

United Nations. (1991). *Principles for older persons*. New York: United Nations.

United Nations. (2002). *Madrid International Plan of Action on Ageing*. New York: United Nations.

United Nations. (2006). *Convention on the Rights of Persons with Disabilities*. New York: United Nations.

United Nations. (2013). *Towards a comprehensive and integral international legal instrument to promote the rights and dignity of older persons*. https://digitallibrary.un.org/record/740170?ln=en

United Nations. (2017). *Work of the Statistical Commission pertaining to the 2030 Agenda for Sustainable Development*. https://upload.wikimedia.org/wikipedia/commons/9/9d/A_RES_71_313_E.pdf

United Nations Economic Commission for Europe & European Commission. (2014). *AAI: Active Ageing Index for 28 European Union countries*. https://www.unece.org/fileadmin/DAM/pau/age/WG7/Documents/Policy_Brief_AAI_for_EG_v2.pdf.

United Nations Economic Commission for Europe & European Commission. (2019). *Active Ageing Index in the European Union and its evolution 2010-2018: Results report*. Brussels: United Nations Economic Commission for Europe & European Commission.

United Nations Economic Commission for Europe. (2020). *Policy brief: Older persons in emergency situations*. https://unece.org/fileadmin/DAM/pau/age/Policy_briefs/ECE_WG1_36_PB25.pdf

Victor, C. R. (2012). Loneliness in care homes: A neglected area of research? *Aging Health*, *8*(6), 637-646.

Walker, A. (2009). The emergence and application of active ageing in Europe. *Journal of Ageing and Social Policy*, *21*(1), 75-93.

Walker, A. (2018). Why the UK needs a social policy on ageing? *Journal of Social Policy*, 42(2), 253-273.

Walker, A. & Foster, L. (2013). Active ageing: Rhetoric, theory and practice. In R. Ervik & T. S. Lindén (Eds.), *The making of ageing policy* (pp. 27-52). Cheltenham: Edward Elgar Publishing Limited.

World Health Organization. (2002). *Active ageing: A policy framework*. Geneva: World Health Organization.

World Health Organization. (2015). *World report on ageing and health*. Geneva: World Health Organization.

World Health Organization. (2021). *Global report on ageism*. Geneva: World Health Organization.

**Ministeru għall-Anzjanità Attiva**
Palazzo Spinola
46, Triq San Kristofru,
Valletta, VLT 1464

**t** (+356) 2590 3058
**e** Info.mfaa@gov.mt

**www.mfaa.gov.mt**

anzjanità attiva